# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tallum l-Erbgħa 26 ta' Marzu, 2025

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 190/2023MH**

**Numru: 3**

**Brian Godfrey Bartolo**

**Vs**

**L-Avukat ta' L-Istat, u**

**L-Avukat Ġenerali.**

**Il-Qorti;**

**1**.Rat ir-rikors promotur fejn ġie premess kif ġej;

1. *"Permezz tal-proceduri kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija [Spt.Malcolm Bondin] v. Brian Godfrey Bartolo (Kawza Nru. 51/2014 per Magistrat Dr. Natasha Galea Scibcrras), ir-rikorrent jinsab mixli bil-kommissjoni ta' delitti mahsuba taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Nhar it-13 ta' Jannar 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ordnat, fuq talba maghmula mill-Prosekuzzjoni, l-iffrizar tal-assi kollha tar-rikorrenti a tenut tal-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Il-posizzjoni legali fis-sena 2014 kienet li l-hrug ta' Ordni t' Iffrizar kien wiehed tassativ, u tali ordni, li jolqot kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli tal-persuna mixlija, jrid bilfors* ***jibqa' fis-sehh sas-sentenza finali.*** *Dan effettivament ifisser li r-rikorrent ma kellu u ma ghandu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u gie mpoggi f'posizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffrizar mahrug kontra tieghu fis-sena 2014 sakemm tigi deciza b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe cirkostanza li setghet zviluppat fil-frattemp.*

4. *Ix-xenajru illum il-gurnata huwa differenti. Il-hrug o meno ta' Ordni ta' Iffrizar ma ghadux wiehed tassativ fuq il-Qorti. Bl-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att Nru. IV tal-2014, l-istat attwali tal-ligi jaghti setgha ta' revizjoni lil Qorti Kriminali u dan in forza ta' dak previst fl-artikolu 22A (7), (8) u (9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *B'dawn l-emendi, kemm l-Avukat Generali u kif ukoll il-persuna mixlija issa ghandhom il-fakolta' li jadixxu lill-Qorti Kriminali sabiex din il-Qorti rispettivament tohrog jew tirrevoka Ordni ta' Iffrizar. Is-subinciz (9) tal-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta huwa dak li partikolarment jikkoncerna lil persuna imputat u li ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb jistipula testwalment hekk:*

*"(9) L-imputat jista' fi zmien tliet ijiem ta' xoghol mid-data li tkun saret l-ordni taht is-subartikolu (7) jaghmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tigi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-sehh sakemm ma tigix revokata mill-Qorti Kriminali."*

6. *Dawn 1-emendi saru in linea ma' dak mahsub fid-Direttiva 2014/42/EU li tahseb f'dan il-jedd fis-subinciz (4) tal-artikolu 8 li jiddisponi hekk:*

*"4. L-Istati Membri ghandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva li l-persuna li l-proprjetà taghha tkun giet affettwata* *<u>tikkontesta l-ordni ta' ffrizar quddiem qorti, f'konformità mal-proceduri</u>*

*<u>stipulati fil-ligi nazzjonali</u>. Tali proceduri jistghu jipprevedu li meta l-ordni ta' ffrizar inizjali tkun ittiehdet minn awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità gudizziarja, tali ordni l-ewwcl ghandha tintbaghat ghall-validazzjoni jew ir-riezami lill-awtorità gudizzjarja qabel ma tkun tista' tigi kkontestata quddiem qorti."*

7. *B'hekk illi illum il-ligijiet kollha in materja jipprospettaw dik issitwazzjoni fejn il-Qorti Kriminali tista' tissindika l-Ordni ossia jew tichad it-talba jew inkella ma tipprocedix minnufih ghal hrug tal-Ordni. Tipprospetta wkoll il-jedd tal-persuna mixlija li titlob lil Qorti Kriminali tirrevoka d-decizjoni ghall-hrug tal-Ordni t' Iffrizar.* [1]

8. *Sfortunatament, billi l-Ordni ta' Iffrizar impunjat f'dawn il-proceduri kostituzzjonali gie mpost fuq ir-rikorrent fis-sena 2014, l-istess rikorrent ma setax (u ma jistax illum il-gurnata) juzufruwixxi ruhu mill-qafas legislattiv introdott bl-Att Nru. IV tal-2014 u dana proprju ghaliex l-Att Nru. IV tal-2014 ma kien jinkludi ebda disposizzjonijiet transitorji li jrendu applikabbli, wara perjodu ta' zmien specifikat, l-emendi hemm introdotti.*

9. *Dan a kuntrarju, ghal fini ta' ezempju, tas-sitwazzjoni li kien gab mieghu l-Att XXIV tal-2014 fejn l-akkuzat f'kawzi tad-droga kellu xahar zmien mid-dhul fis-sehh tal-ligi il-gdida sabiex jikkontesta d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali sabiex huwa jigi iggudikat mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

10. *Dan in effetti jfisser li filwaqt li fil-konfront ta' individwi li qeghdin illum jigu mixlija b'akkuzi kriminali, l-Ordni t' Iffrizar ma ghadux tassativ, **<u>fil-konfront tar-rikorrent kien u baqa' tassativ</u>.***

11. *Kwindi, individwi bhar-rikorrent ma ghandhom ebda' rimedju sabiex legalment jikkontestaw il-validita' ta' dina l-Ordni sakemm il-proceduri mnedija kontrihom quddiem il-qorti ta' kompetenza kriminali tkun ghadha miexja, u li sakemm ordni bhal dak ikun ghadu fis-sehh. Huwa fl-umli fehma tar-rikorreti inkoncepibbli kif*

[1] Kif sar permezz ta' diversi digrieti mogħtija mill-Qorti Kriminali, fosthom dak mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **'<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Progress Press Limited et</u>'**, datat nhar it-30 ta' Ġunju 2021, dak mogħti fil-proċeduri fl-**ismijiet '<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Pilatus Bank PIC u Claude-Ann Sant Fournier</u>'**, datat nhar it-23 ta' Settembru 2021 u dak mogħti fil-proċeduri**: '<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Fort Farrugia u Patiek Demanuele</u>'**, datat nhar it-28 ta' Novembru 2021.

*fis-sena 2023, persuna affetwata b'Ordni t' Iffrizar, li ilu mpost fuqha ghal snin twal, ma ghandu l-ebda dritt fil-ligi li jsemma lehnu u jattaka t-tezi tal-Avukat Generali in kwantu l-htiega tal-istess Ordni.*

12. *U din il-mankanza fil-ligi di fatti giet ricentament impunjata u dikjarata bhala leziva tad-dritt fondamentali sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Novembru 2022 mill-Qort:i Kostituzzjonali*[2] *fl-ismijiet* ***'Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-lstat et'****, fejn gie ritenut hekk:*

*"23. Izda l-Qorti taqbel mal-appellat li dan bl-ebda mod ma jghin il-pozizzjoni tal-appellanti b'din il-kawza. Ikkonsidrat li l-appellat qieghed jilmenta dwar il-fatt li m'ghandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffrizar mahrug kontra tieghu, din il-Qorti qajla tifhem kif l-appellanti jhossu li aggravju li l-gist tieghu huwa li l-appellat m'ghandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffrizar ser jimmilita favur taghhom.* ***L-appellant lanqas ma iistghu jinhbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE ghaliex a kuntrarju ta' dak argumentat minnhom il-ligi Maltija mhijiex filfatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suggetta ghal ordni ta' iffrizar ghandha jkollha dritt ghal rimedju effettiv u process gust sabiex jitharsu d-drittijiet taghha, u li l-persuna affetwata ghandu jkollha possibilità effettiva li tikkontesta dik l-ordni. Ghalhekk l-appellanti ma jistghux isostnu li in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmiia imbaghad fl-istess nifs jghidu li l-appellat m'ghandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffrizar li nhareg kontra tieghu.***

24. *Huwa assolutament infondat imbaghad l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-ghan wara ordni ta' Iffrizar. Anzi l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-hrug ta' ordni ta' iffrizar mhuwiex fih innifsu leziv tad-drittijiet fondamentali. Fil-fatt id-decizjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex fis-sens li l-hrug ta' dan l-ordni kien minnu nnifsu leziv tad-drittijiet tal-appellat* ***Is-sejbien ta' ksur sar mill-Ewwel Qorti wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi tal-kaz, u partikolarment il-fatt li l-appellat m'ghandu l-ebda***

[2] per S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti, Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imħallef Anthony Ellul.

***mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffrizar abbinat mad-dewmien taz-zmien fil-kawza kontra tieghu, fatturi li l-Ewwel Qorti sabet li jwasslu ghal nuqqas ta' proporzjonalita' bejn l-interess generali u d-drittijiet tal-appellat.***

25. *Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Qorti Kriminali zammet l-Ordni ta' Iffrizar fis-sehh ghaliex sabet li kien gustifikat u necessarju fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz u li dawn il-proceduri huma intizi sabiex issir revizjoni ta' dik id-decizjoni minkejja li dawn il-Qrati mhumiex Qrati ta' revizjoni. Huwa car li l-qrati ordinarji m'ghamlu l-ebda analizi tal-fatt u ma hadux kont tal-kuntest tal-kawza kif jghidu l-appellanti.* ***Dan mhux b'xi nuqqas tal-Qrati ordinarji izda minhabba li hekk kif jinharek ordni ta' iffrizar bis-sahha tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemm l-ebda procedura disponibbli ghall-akkuzat biex jikkontesta dak l-ordni****. Fil-fatt, fid-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Jannar 2021 (fol. 50) il-Qorti qalet car u tond li t-talba kienet qed tigi michuda minhabba "...dak espost fil-ligi partikolarment li l-Ordni tal-Iffrizar jibqa' fis-sehh sas-sentenza finali." L-ebda raguni msejsa fuq il-fatti jew il-kuntest tal-kaz ma nghatat mill-Qorti, fatt li manifestament jikkontradici dan l-argument tal-appellanti. Minn dan ghandu jsegwi wkoll li dawn il-proceduri ma' jistghu qatt jitqiesu li huma tentattiv ta' revizjoni ta' decizjoni tal-Qorti ordinarja kompetenti." [sottolinejar tar-rikorrenti].*

13. *F'paragrafu 27 tal-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tishaq hekk:*

*"....Aghar minn hekk, minhabba l-mod ta' kif giet promulgata l-ligi, hekk kif inhareg dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah ghaliex l-Istat naqas milli jpoggi fis-sehh mezz ta' appell biex il-persuna koncernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neccessita' li l-ordni jibqa fis-sehh u anzi minflok illegisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-sehh tassattivament sakemm jispiccaw il-proceduri fi grad ta' appell jekk ikun il-kaz, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra z-zamma fis-sehh ta' dan l-Ordni." [sottolinejar tar-rikorrenti].*

14. *Finalment, fis-sentenza ta' Sebastian Dalli, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet bil-mod segwenti:*

*".... Aghar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u gie mpoggi f'pozizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-iffrizar mahrug kontra tieghu fl-2009 sakemm il-kawza tigi deciza b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe cirkostanza li setghet zviluppat filfrattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza flismijiet Shorazova v. Malta (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:*

*". . . the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. [omissis] According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoglu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., S 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70 - 82)."*

31. *Ghalkemm l-appellanti jghidu li din is-sentenza appena citata mhijiex applikabbli ghall-fattispeci ta' dan il-kaz peress li kienet titratta cirkostanzi partikolari, il-principji generali li jistghu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbazati fuq il-gurisprudenza precedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari* ***Minn din is-sentenza huwa car li ghalkemm ordni ta' iffrizar huwa mizura legittima u fl-interess generali (kif huwa accettat anke mill-appellat stess) il-Qorti ghandha tezamina kemm il-garanziji procedurali li jezistu fil-ligi u kif ukoll ic-cirkostanzi kollha, inkluz id-dewmien taz-zmien tal-kawza sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkuzat sanciti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jigu rispettati. Huwa car li dan mhuwiex il-kaz hawnhekk ghar-ragunijiet gia spjegati, inkluz id-dewmien ta' zmien tal-proceduri penali kontra l-appellant u nnuqqas tal-legislatur li jpoggi fis-sehh ghodda legali li taghti lil qrati ordinarji l-poter li jezaminaw jekk l-ordni ghadux gustifikat skont ic-cirkostanzi tal-kaz.***

32. *Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-appellat sofra lezjoni tad-dritt tieghu sancit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea." [sottolinejar tar-rikorrenti].*

*15. Dan il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali japplika perfettament ghac-cirkostanzi in disamina. Ir-rikorrenti garrab u qieghed igarrab ezattament dak li garrab Sebastian Dalli. L-Ordni ta' Iffrizar de quo ma ilux hemm jumejn izda ilu hemm disa' (9) snin shah. Ma jezisti ebda' mekkanizmu sabiex jigi limitat jew mhassar u l-uniku haga li qieghed jikkaguna l-Ordni ta' Iffrizar illum il-gurnata huwa inkonvenjenzi, telfien ta' qliegh, danni u tbatijiet kbar ghar-rikorrenti u familtu!*

*16. Ghalhekk ir-rikorrenti jemmen bis-shih li dan il-kaz jimrmerita li tigi uzata l-istess riga li giet uzata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Sebastian Dalli u bl-istess mod jigi riskontrat ksur tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrent hekk kif salvagwardjat bil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja.*

17. *bla hemmx dubbju li Ordni ta' Iffrizar jista' jkun oggettivament gustifikat* ***<u>fl-eventwalita' li jkun hemm Prosekuzzjoni li kapaci taghlaq il-kaz taghha fi zmien ragonevoli</u>.*** *Fil-mumment li dan pero' ma jsehhx, tali Ordni jitrassforma ruhu fi strument ta' oppressjoni u dan manifestament in konflitt mal-presunzjoni tal-innocenza in kwantu jigi tradott f'piena anticipata li ma tista' qatt tigi nnewtralizzata partikolarment fl-eventwalita' li r-rikorrent ma jigix misjub hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.*

18. *Jigi mfakkar li d-Direttiva 2014/42/EU stess tishaqq u tesigi li mizura provizorja bhal ma hija l-Ordni t' Iffrizar ma ghandiex tibqa fis-sehh iktar minn kemm ikun mehtieg. Ir-rikorrent qieghed hawnekk jirreferi ghar-recital numru (31) li testwalment tiddisponi hekk:*

*"(31)* ***<u>Minhabba li l-ordnijiet ta' ffrizar joholqu limitazzjoni fuq id-dritt ghall-proprjetà, dawn il-mizuri provizorji m'ghandhomx jinzammu fis-sehh iktar minn kemm ikun mehtieg biex tigi ppreservata d-disponibbiltà tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tigi kkonfiskata sussegwentement</u>.*** *Dan jista' jkun jehtieg li ssir riezami sabiex jigi zgurat li l-ghan li l-proprjetà ma tintefaqx ikun ghadu validu." [sottolinejar tar-rikorrenti].*

19. *Il-bilanc bejn l-interess generali u dak tal-Istat jirrikjedi li fejn fl-interess pubbliku tipprevedi mizura ta' kontroll fuq proprjeta' privata, dik il-ligi trid tipprovdi ukoll ghal terzi salvagwardji procedurali sabiex jigi zgurat li t-thaddim ta' dik il-mizura u l-impatt taghha fuq id-drittijiet tal-proprjeta' tal-persuna milquta biha, ma jkunux arbitrarji. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent ghandu jdejh marbuta u l-ligi domestika ma taghtih ebda' ghodda sabiex jikkontesta' l-validita' tal-Ordni t'Iffrizar impost fuqu, liema ordni, disa' (9) snin wara l-imposizzjoni taghha, ttraduciet ruhha f'piena konsegwenzjali mill-izjed harxa.*

*<u>Talbiet</u>:*

20. *Ghaldaqstant, fid-dawl tas-su espost kollu, r-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent sofra u/ jew qieghed isofri lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-*

*Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedcm kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi, inkluz li jigi annulat u rrevokat l-Ordni ta' Iffrizar mertu ta' din il-kawza;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

4. *Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha ulterjuri li hija thoss necessarji sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti."*

**2**. Rat ir-risposta tal-intimati fejn eċċepew illi[3]:-

1. *"Illi in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponent Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija intempestiva peress li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji a disposizzjoni tiegħu, iżda huwa naqas milli jagħmel użu minnhom. Ma huwiex l-iskop ta' proċeduri kostituzzjonali li jieħdu post dawk ordinarji. F'dan il-każ, permezz tad-digriet tat-13 ta' Jannar 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni għall-iffriżar tal-assi tar-rikorrent u dan skont l-***artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** *u tal-***Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***. Magħdud ma dan, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur jagħmel id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern tad- digriet tat-13 ta' Jannar 2014 u ai termini tal-***Artikolu 23D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** *jipprepara rapport tal-assi li għandu l-imputat. Għalhekk huwa evidenti li ai termini tal-***artikolu 23A(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** *ir-rikorrent* <u>*seta' jagħmel talba lill-Qorti*</u>

[3] Folio 14.

<u>*Kriminali sabiex jirrevoka l-ordni fiż-żmien tlett ijiem tax-xogħol*</u> *minn meta jkun ingħata l-ordni tal-iffriżar. Appuntu f'dan il-każ kien nuqqas tar-rikorrent milli jiżżifruwixxi mir-rimedju li pprovditlu l-liġi u għalhekk tali nuqqas m'għandux ikun imputabbli lill-intimati. Wara kollox vigilantibus et non*

*dormientibus jure subveniunt. Għalhekk l-esponenti umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha taħt l-* ***artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni*** *u l-proviso tal-* ***artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

3. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li l-lanjanza ma tirrigwardax teħid forzus tal-proprjeta' tar-rikorrent. Dan l-Artikolu ma japplikax u dan peress li sabiex japplika dan l-Artikolu, irid ikun hemm teħid totali mingħajr kumpens. F'każ ta' ffriżar u qbid ta' assi hemm biss kontroll ta' użu ta' proprjeta` mhux teħid. Illi anke jekk għal grazzja tal-argument, din l-Onorabbli kellha tiddeċiedi li dan l-Artikolu huwa applikabbli, xorta waħda ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'din ir-risposta;*

4. *Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;*

5. *Illi peress li l-fatti kif dettoti mir-rikorrent mhumiex għal kollox fejjieda, għalhekk l-esponenti jħossu li jkun idoneju li l-ewwel u qabel kollox jagħtu rendikont tal-fatti kif eżatt seħħew. Jibda sabiex jingħad li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-13 ta' Jannar 2014 li fost affarijiet oħrajn ġie immressaq bi prokurar, pussess u traffikar ta' kokaina, eroina u cannabis inkluż pussess ta' eroina u cannabis f'ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiva tiegħu. Fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħarget ordni tal-iffriżar tal-assi tar-rikorrent abażi tal-artikoli 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent konvenjentement eskluda milli jagħmel referenza għall-fatt li l-ordni tal-iffriżar tal-assi tar-rikorrent ingħatat wkoll abażi tal-artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan*

*għall-unika raġuni sabiex ikun jista' jipproċedi b'din il-kawża kostituzzjonali u konvenzjonali sabiex jallega li seħħlu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu ai termini tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex skontu ma kellux rimedju sabiex jitlob revoka tal-istess ordni tal-iffriżar. Għalhekk peress li issa ġew stabiliti l-fatti kif eżatt seħħew, u jirriżulta li skont il-liġi r-rikorrent in fatti kellu rimedju sabiex jitlob revoka, iżda kienet għażla volontarja tiegħu li ma jagħmilx użu minnu, huwa ċar daqs il-kristall li din l-azzjoni hija għal kollox frivola;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-**Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprospetta tlett rimedji. Dan l-Artikolu testwalment jipprovdi li:*

*'Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontrad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni-*
*(...)*

*Iżda wkoll l-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) **<u>tawtorizza</u>** l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
*(b) għal **<u>raġuni tajba</u>** tawtorizza lill-akkużat biex **<u>jittrasferixxi</u>** proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(...)*
*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari **<u>tibdel dak l-ordni</u>**, ud-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.' (Enfażi u sottolinear miżjud mill-esponenti.)*

*Fi kliem sempliċi, l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla tlett rimedji separati għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw rwieħhom matul proċess kriminali: il-ħlas ta' kredituri bona fide li kellhom krediti mal-akkużat **qabel** il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar, it-*

*trasferiment ta' mobbli u immobbli **għal raġuni tajba**, u finalment, ir-rimedju ġenerali prospettat fis-subartikolu (3).*

*Illi dan premess, ir-rikorrent għandu juri li utilizza dawn ir-rimedji u konkretament juri kif dawn ir-rimedji ma kienux effettivi għall-għanijiet tiegħu.*

7. *Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċċepixxu illi dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skond il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xieraq, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Din il-miżura hija għalhekk għal kollox neċessarja għaliex ir-reati li bihom ir-rikorrent huwa mixli u ċioe' dwar traffikar ta' droga u reati relatati huma reati serji. Tali miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati;*

8. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti ifakkru li r-rikorrent ġie akkużat b'reat serju ta' traffikar ta' droga u reati relatati. L-Ordni ta` iffriżar u qbid tal-assi hi miżura <u>proviżorja</u> ta` kontroll ta` proprjeta` sabiex tiżgura li proprjeta` li ġiet akkwistata b`attivita` illeċita li tkun twettqet b`detriment għall-komunita`, f`kaz ta` sejbin ta` ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attivita` illeċita. L-Ordni ta' ffriżar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċizjoni ikkunisdrata bħala res judicata;*

9. *Illi bla ħsara għas-suespost, u b'żieda ma dak suċċepit, ordni ta' ffriżar hi għodda tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet. <u>L-ewwel għan</u> huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna milquta huma sekwestrati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar;*

*kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija bit-traffikar ta' droga, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet.*

*Dwar dan il-punt, referenza ssir għas-sentenza ta'* ***<u>Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali</u>***[4] *fejn intqal:*

*"Illi, fil-każ preżenti, l-interess ġenerali f'Ordni ta' Iffriżar maħruġ taħt l-artikolu 22A tal-Kap 101 joħroġ mir-regola ġenerali li, fejn hemm is-suspett li twettaq reat, it-teħid ta' miżuri konservattivi maħsuba biex, safejn huwa possibbli, ma jitħalliex li ġid jew patrimonju li jkun il-frott ta' xi attività kriminali jisfaxxa fix-xejn jew jinħeba, huwa dejjem fl-interess tas-soċjetà in ġenerali. Għalhekk, Ordni bħal dan jissarraf f'miżura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-Ordni. Ordni bħal dak jista' jixxiebah ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bħalma wieħed isib fil-qafas ta' proċediment ċivili;"*

*Illi <u>t-tieni għan</u> ta' ordni ta' ffriżar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija. Di fatti, il-liġi stess espliċitament tipprovdi għal dan il-kunċett, magħruf aħjar bħala value confiscation fl-Artikolu 22(3B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:*

*'Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valurtagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skont il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

[4] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

*Għalhekk, anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss, ir-rikorrent juri li għandu proprjetà preżentement milquta minn ordni ta' ffriżar li kienet akkwistata b'mod leġittimu, din xorta waħda tibqa' soġġetta għall-konfiska peress li tkun tista' sservi biex titħallas multa mposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija.*

10. *Illi dan kollu huwa rilevanti wkoll in kwantu għall-allegat ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali**. Huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:*

a. *Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;*
b. *L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;*
c. *Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.*

11. *Illi bla ħsara għas-suespost, fil-każ odjern ma hemm ebda dubju li l-ordnijiet ta' ffriżar inħarġu taħt qafas legali u li huma fl-interess ġenerali ossia, il-ġlieda kontra reati ta' droga. In kwantu għall-proporzjonalità, ir-rikorrent għandu diversi rimedji għad-dispożizzjoni tiegħu. Fis-sentenza ta' **Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali**[5] surreferita, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat:*

*"Illi jrid jingħad li l-artikolu 22A tal-Ordinanza jagħti lill-parti milquta minn Ordni ta' sekwestru jew iffriżar tal-ġid tiegħu rimedji li bihom tista' titlob lil qorti biex tħalliha tittrasferixxi ġid mobbli jew immobbli maqbud b'ordni bħal dak. Dak ir-rimedju jgħodd ukoll meta l-persuna tkun għadha għaddejja minn proċeduri kriminali u ma tkunx għadha ngħatat sentenza dwar il-ħtija tax-xiljiet li jkunu sarulha. Minħabba f'hekk, jidher li din il-possibilità toħloq l-element ta' proporzjonalità bejn l-interessi tal-ġustizzja u dak pubbliku in ġenerali u l-interessi tal-persuna mixlija li ħwejjiġha jkunu l-oġġett ta' ordni bħal dak."*

12. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-Ordni ta' ffriżar u qbid in diżamina ħarġu skond id-disposizzjonijiet tal-liġi u għal għan leġittimu li hija l-protezzjoni tas-soċjeta' in ġenerali. Illi r-rikorrent ma*

[5] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

*huwiex qiegħed isofri piż eċċessiv u sproporzjonat u dan anke tenut kont tal-ħsara li l-attivita' kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjeta', l-interess ġenerali għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrent li jiddisponi u/jew jagħmel użu mill-assi tiegħu;*

13. *Illi bla ħsara għas-suespost, il-preambolu (26) tad-Direttiva*

*2014/42/UE Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea jipprovdi li:*

*'Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwiżit għal konfiska u tista' tkun ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex jiġi evitat li l-proprjetà tintefaq qabel toħroġ l-ordni ta' ffriżar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali proprjetà.'*

*Filwaqt li l-artikolu 7.1 tal-imsemmija Direttiva jipprovdi li:*

*'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preservata l-proprjetà.'*

14. *Huwa veru li li l-Att Nru. IV tal-2014 daħal fis-seħħ wara l-ordni tal-iffriżar pero m'huwiex veru dak li qiegħed jallega r-rikorrent u ċioe' li huwa ma kellux rimedju sabiex legalment jikkontesta il-validtia' tal-ordni tal-iffirżar u l-ordni tal-iffriżar fil-konfront tiegħu kienet u baqgħet tassativa (ara premessa numru 10 u 11 tar-rikors promotur). Dan l-argument tar-rikorrent huwa għal kollox frivolu u sar biss sabiex iqarraq. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrent kellu rimedji a dispossizzjoni tiegħu iżda huwa naqas milli jagħmel użu minnhom;*

15. *Is-sentenza **Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et** kwotata mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu m'għandha xtaqsam xejn mal-fattispeċie tal-każ odjern. Biss biss, jibda sabiex jingħad li fil-kawża ta' Sebastian Dalli l-ordni ta' iffriżar inħarġet bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta **biss**. F'dan il-każ l-ordni tal-iffriżar inħarġet ukoll ai termini tal-*

*artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-deċiżjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Sebastian Dalli kienet ibażata fuq il-fatt li fil-każ partikolari tiegħu huwa ma kellux rimedju sabiex jikkontesta l-ordni tal-iffriżar. Fil-każ tar-rikorrent, dan huwa assolutament differenti għaliex kellu rimedju sabiex jitlob revoka tal-istess ordni ta' iffriżar, fost rimedji oħrajn*

*(ara f'dan is-sens is-sentenza li hija sub judice fl-ismijiet* ***Edward Caruana vs L-Avukat tal-Istat et*** *deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kositutzzjonali) fit-3 ta' Marzu 2023);*

*16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat.

**3**.Illi sintetikament l-ilment imressaq mir-rikorrenti huwa dirett lejn il-fatt li meta hu tressaq *inter alia* b'akkużi ta' relatati mad-droga kif maħsub fil-Kap 101 fost l-oħrajn[6], l-Ordni ta' Iffriżar ta' l-assi kollha tar-rikorrenti maħsuba taħt l-artikolu 22A tal-Kap 101 kienet waħda tassattiva u li tibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali. Il-liġi dak iż-żmien ma kienetx tipprovdi mezz kif tali ordni tiġi kontestata mil-milqut. B'hekk li r-rikorrenti kien ilu jissubixxi l-effetti ta' din l-ordni, mill-preżentata ċioe' mis-sena 2014.

[6] Ir-rikorrenti kien adebitat anke b'akkuzi ta' żamma ta' arma mingħajr permess.

Żvilupp leġislattiv li jolqot dan l-ilment wassal biex bl-Att Nru. IV tas-sena 2014 ġew introdotti emendi fil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, dan biex Malta tkun in linea mad-Direttiva tal-Unjoni numru 2014/42/EU. Ir-rikorrenti jilmenta li dawn l-emendi ma jkoprux dak kollu maħsub fid-direttiva msemmija bil-konsegwenza tal-ksur ilmentat.

Għalhekk skont ir-rikorrenti, llum bl-emendi imsemmija l-imputat hekk milqut jista' ai terminu ta' l-artikolu 22A(9) tal-Kap 101;

> *" ...fi żmien tliet t'ijiem tax-xogħol mid-data li tkun saret l-ordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi rrevokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali".*

Jilmenta għalhekk li llum il-Qrati Kriminali jistgħu jissendikaw din l-ordni, saħansitra anke fuq talba tal-milqut u tiġi anke revokata l-Ordni ta' Iffriżar.

Pero' sicome l-emendi imsemmija ma kienux jaħsbu għal dispożizzjoni tranżitorja, allura l-imputat rikorrenti mressaq qabel dawn l-emendi, ma kellux u m'għandux mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar, kif għandhom imputati oħra mressqa warajh. Għalhekk ir-rikorrenti jilmenta li fil-konfront tiegħu l-Ordni ta' Iffriżar baqgħet waħda tassattiva u mposta arbitrarjament fuqu sal-ġudikat bla ma hu għandu mezz proċedurali biex jikkontestaha.

Hu għalhekk li r-rikorrenti jressaq dan l-ilment li fil-konfront tiegħu ġew leżi l-preċetti ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni wkoll l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni sa fejn hu milqut bin-nuqqas ta' tgawdija tal-proprjeta' tiegħu, proprjetà mifhuma fis-sens wiesgħa. Jitlob rimedji għal dan il-ksur fost l-oħrajn li tiġi annullata u revokata l-Ordni ta' Iffriżar mertu ta' din il-kawża.

Ikkunsidrat:

**4**.L-intimati jilqgħu għal dak propost mir-rikorrenti b'eċċezzjonijiet ta' natura preliminari ukoll fil-mertu.

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

Illi l-Avukat ta' l-Istat u l-Avukat Ġenerali jressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari:

**i.-<u>li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur f'din l-istanza.</u>**

Intqal dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Lebrun (KI: 368258M) vs L-Avukat Ġenerali u L-Avukat ta' l-Istat**[7]

***"Leġittimu kontradittur:***

*Ġie eċċepit li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur. Din il-Qorti ma taqbilx. Filwaqt li l-Avukat tal-Istat għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern inter alia in kwantu qiegħdha tiġi attakkata liġi, l-Avukat Ġenerali huwa l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni bis-setgħa li jibda', imexxi u jtemm il-proċedimenti kriminali, inkluż li jitlob il-ħruġ ta' ordni tal-iffriżar, u għalhekk huwa wkoll huwa leġittimu kontradittur."*

Aktar tard il-Qorti Kostituzzjonali żiedet[8];

*" 9. Dwar min għandu jwieġeb f'kawżi ta' din ix-xorta ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Oliver Agius vs. L-Onorevoli Prim Ministru**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Settembru, 2016 fejn ingħad:*

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti. Ma' dawn, u*

[7] 4 ta' Lulju 2023 Rikors Kost. Nru. 371/2022 GM

[8] 17 ta' Ġunju, 2024. Rikors numru 371/2022/1 GM

*dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;"*

*10. Minkejja illi l-ordni ta' ffriżar hawn impunjata ngħatat fuq talba tal-Pulizija, l-effetti tal-istess komplew tul il-proċeduri kriminali li għadhom pendenti. L-Avukat Ġenerali hu direttament involut f'dawk il-proċedur bħala l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni. Għalhekk, m'hemmx dubju li hemm il-leġittimità passiva min-naħa tiegħu, ġialadarba qiegħed imexxi l-prosekuzzjoni.*

*11. Għalhekk tiċħad l-aggravju"*

**Ftit għandha x'iżżid ma' dan din il-Qorti, ħlief li tqis li din l-ewwel eċċezzjoni m'għandiex mis-sewwa**.

**<u>ii.Intempestivita', talba għad-deklin li teżerċita li tinqeda bis-setgħat Kostituzzjonali u Konvenzjonali.</u>**

-it-tieni eċċezzjoni hija dik ta' intempestivita' in kwantu skont l-intimati, r-rikorrenti kellu toroq ta' għodda leġislattiva domestika biex jitlob ir-revoka ta' l-Ordni ta' Iffriżar. Dan jingħad minħabba l-fatt li l-ordni ma nħarġitx biss ai terminu ta' l-artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta imma wkoll ai terminu ta' l-artikolu 23A tal-Kap 9. L-intimati għalhekk jressqu l-eċċezzjoni illi l-imputat seta' utilizża l-preċetti ta' l-artikolu 23A(5) tal-Kap 9 viġenti dak iż-żmien, u b'hekk fi żmien tlett ijiem tax-xogħol jadixxi lill-Qorti Kriminali b'talba għar-revoka ta' l-istess Ordni.

Dan ir-rikorrenti m'għamlux.

Għalkemm din il-Qorti tifhem sew din id-difiża u dan il-punt se jiġi trattat aktar l'isfel, pero' r-rikorrenti ma jilmentax biss għaliex hu ma kellux triq ħlief jibqa' mgħobbi bl-Ordni ta' Iffriżar, imma għaliex dan issuċċeda wkoll minħabba dak li donnu hu ***oversight*** leġislattiv li ma ħasibx sa fejn jirrigwarda l-imputati mressqa qabel ma daħal fis-sehh l-Att IV tas-sena 2014, biex b'hekk tipprovdilhom l-istess għodda leġislattiva ta' rikors lejn il-Qorti Kriminali biex tiġi akkwistata l-possibilta' ta' talba għar-revoka ta' l-istess ordni.

Jiġi nnutat ukoll, kif se jkun referut aktar l'isfel, illi r-rikorrenti ressaq diversi rikorsi quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali biex tiġi varjata l-Ordni tal-Iffrizar kif jippermettielu l-artikolu 22A tal-Kap 101 li fil-maġġor parti ġew milqugħa. Pero' dan ma kienx ta' sostituzzjoni għall-fatt li r-rikorrenti baqa' priv minn meta' ġie mressaq bl-akkużi msemmija minn kull possibilta' li jikkontesta dina l-ordni kif qed jagħmel f'din l-istanza dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Għalhekk il-Qorti mhux se tiddeklina li teżerċita li teżamina lanjanza hekk imressqa u dan b'referenza għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni wkoll l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsegwentement din il-Qorti ssib li anke din l-eċċezzjoni mhix waħda tajba.**

**<u>iii. L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni - teħid forzuż</u>**

It-tielet eċċezzjoni ta' natura preliminari tirrigwarda n-nuqqas ta' applikabilita' ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni in kwantu, l-intimati jqiesu li hawn mhux każ ta' teħid forzuż ta' proprjeta'.

Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar kemm-il darba din l-eċċezzjoni ġiet eċċepieta mill-istess intimati BLA SUĊĊESS. U xorta tibqa' tiġi mressqa!

Tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fl-ismijiet **George Tabone et. Vs L-Avukat Ġenerali**[9]

> *"20. It-tieni aggravju jolqot l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss fejn ikun hemm "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà.*
>
> *21. Din l-osservazzjoni tal-ewwel qorti hija manifestament skorretta.*
>
> *22. L-art. 37 igħid illi:*
>
> *»**37.** (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq*

[9] Deċiża 5 ta' Ottubru, 2018 Rikors Kost. Nru. 48/2016SM

*proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbliga-torju, … … … «*

*23. L-art. 37 iħares mhux biss kontra "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà iżda kontra t-teħid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-proprjetà. Il-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-art. 37.*

*24. Tassew li kien hemm xi sentenzi – fosthom dawk ċitati mill-Avukat Ġenerali fit-tweġiba tiegħu – li kienu ħadu din il-posizzjoni żbaljata li ħadet l-ewwel qorti. Ġurisprudenza aktar reċenti*[10] *iżda affermat dak li, wara kollox, igħid il-kliem tal-liġi stess, viz. illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbliga-torju" ħlief fiċ-ċirkostanzi u bil-modalitajiet imsemmija fl-istess artikolu.*

*25. Naturalment, il-fatt illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika għall-każ bħal dak tallum ma jfissirx bilfors illi kien hemm ksur ta' dak l-artikolu.*

*Fil-fatt, issa li l-qorti qieset u ċaħdet l-ewwel aggravju tal-atturi, il-kwistjoni tal-applikabilità tal-art. 37 saret x'aktarx akkademika għax għall-istess raġunijiet li għalihom ma kienx hemm ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Proto-koll – li l-ordni nħareġ bis-saħħa ta' liġi, li hu maħsub biex jilħaq għan leġittimu, u li ma huwiex sproporzjonat fl-effetti tiegħu – ma hemmx ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni.*

*26. Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss illi tgħid illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'każ ta' "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà u mhux ukoll f'każ fejn is-sid ikun imċaħħad minn xi dritt jew interess fil-proprjetà. Madankollu taqbel mal-ewwel qorti illi ma kien hemm ebda ksur ta' dan l-artikolu."*

**Konsegwentement anke din l-eċċezzjoni mhix tajba.**

**Mertu**

---

[10] Ara e.g. John Bugeja vs Rev.Alfred Calleja noe (rik 1508/2000) Kost. 11 ta' Novembru, 2011; Rose Borg vs Avukat Ġenerali et. (rik 25/2013); Kost 11 ta' Lulju 2016.

**5**. Il-Qorti ġia ddelineat l-ilment imressaq mir-rikorrenti, ċioe' l-fatt li l-provvediment tranżitorju maħsub fl-emendi tal-Att 4 tas-sena 2014 ma jaħsbux għal min kien imressaq u milqut b'Ordni ta' Iffrizar fi żminijiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att bħal ma hu l-każ tiegħu, b'dan li qed jintlaqtu d-drittijiet tiegħu ta' tgawdija ta' proprjeta' maħsuba fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Dana kollu jmur allura kontra dak maħsub fid-direttiva tal-Unjoni bin-numru 2014/42/EU.

**6.** Jingħad li nkitbu diversi sentenzi eruditi mill-Qrati tagħna li jolqtu b'mod identiku jew simili l-ilment in eżami.

Il-Qorti per konsegwenza se tgħaddi biex tagħmel referenza ampja għal dawn.

**i**.- Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et.** [11] din il-Qorti diversament preseduta kellha s-segwenti xi tgħid, u hawn il-Qorti se tiċċita fit-tul għax verament dak hemm espress ***in parte*** jolqot fl-għajn parti mill-ilment in eżami;

> *"**Punti ta' Liġi:***
>
> *"Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed isostni li minħabba kif ġie trattat u fid-dawl li l-ordni ta' kongelament inkwistjoni għal*

[11]Deċiża 22 ta' Marzu, 2022 **Rikors Numru** 370/2021 TA

*dawn is-snin kollha huwa sofra ksur tad-drittijiet tiegħu kif imħarsa mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u kif ukoll tal-artikoli 7 tal-Ewwel skeda u 39(8) tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament. Fil-każ tal-aħħar żewġ artikoli, ir-rikorrent jikkontendi li din l-Ordni ta' konġelament infliġġiet fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex, mingħajr ma huwa ħati li kkometta rejat b'referenza għall-prinċipju nulla poena sine lege u kif ukoll li għandha dejjem tkun applikata il-piena l-aktar favorevoli (fuq dan il-punt ara* ***Sentenza tas16 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet Pierre Debono (ID 580776M) -vs- L-Avukat tal-Istat et tal-Prim Awla Qorti Ċivili).***

….

*Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

*L-artikolu inkwistjoni jiddisponi hekk :*

*'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma' għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla*

*l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'*

*Il-Qorti ser tqies il-ksur ta' dan id-dritt fundamentali fid-dawl ta' żewġ ċirkostanzi. L-ewwel waħda hija dik li tirrigwarda it-tibdil fil-liġi bl-Att IV tal-2009. It-tieni waħda, il-mod kif ġew malamministrati l-proċeduri kriminali fil-waqt li l-ordni ta' konġelament kienet u għadha fis-seħħ b'mod li nħoloq żbilanċ bejn dak li huwa neċessarju għall-aħjar amministrazzjoni tal-Ġustizzja u dritt tar-rikorrent li jgawdi* ***paċifikament*** *il-propjeta' u possedimenti kollha tiegħu. Bil-kelma possedimenti, din il-Qorti ma tifhimx biss ħwejjeġ materjali, iżda anke dawk intanġibbli, fost oħrajn l-opportunitajiet mankati f'ħajjet il-persuna bħal ma huwa ġenerazzjoni ta' negozju jew ħiliet u kapaċitajiet tal-persuna li jiġġeneraw qliegħ jew ġid.*

*Fil-parti prejambulari tal-konsiderazzjonijiet diġa' sar aċċenn għat-tibdiliet li saru fil-liġi. L-Att IV tal-2014 introduċa l-prinċipju li Ordni ta' konġelament jista' jkun ikkontestat minn min ikun akkużat. Dan id-dritt ma kienx jeżisti qabel l-2014. L-artikolu 22A(9) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:*

*'L-imputat jista' fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li tkun saret l-ordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali.'*

*Art 42. tal-Att IV tal-2014 , minn naħa l-oħra jiddisponi hekk*

*'Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 24 u 35 ta' dan l-Att għandu jkollhom effett ukoll fir-rigward tal-proċedimenti kriminali kollha li jkunu għadhom quddiem kull Qorti fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ukoll jekk il-proċedimenti msemmija ikunu fis-stadju ta' appell.'*

***Dan ifisser, li l-emendi ma japplikawx għar-rikorrent, għaliex l-Att ma provdiex tražitorjament għal artiklu 31, li jittratta l-artikolu 22A tal-Kap 101 u li permezz tiegħu ġiet introdotta il-kontestazzjoni għall-ordni ta' iffriżar. Dan ifisser li s-sitwazzjoni tar-rikorrent baqet l-istess bħal ma kienet qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi, tant li l-Qorti Kriminali ċaħditlu t-talba wara li nbidlet il-liġi. Dan iffisser, li r-rikorrent tħalla fil-limbu u dan x'aktarx minħabba "oversight" tal-leġislatur, li sal-lum għadu ma għamel xejn biex jindirizza din l-inġustizzja.***

***Imma anke li kieku ma kien hemm ebda tibdiliet fil-liġi, il-fatt li Ordni bħal din ma tkunx tista' tiġi kontestata, bħal ma kienet is-sitwazzjoni qabel l-2014, fiha innifisha hija ukoll liġi ħażina. Dejjem kellu jkun hemm dan il-mezz disponibbli għall-akkużat talinqas f'ċertu sitwazzjonijiet, bħal meta l-proċeduri jitwalu għal aktar minn kemm imisshom mingħajr ħtija tal-imputat, kif fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. ( sottolinear u tipa ġrassa ta' din il-Qorti)***

*L-emendi fil-liġi, ma sarux biex isir xi pjaċir lil xi ħadd imma għaliex kellu jkun hekk mil-bidu. Fil-fhema ta' din il-Qorti, ma kienx hemm għalfejn id-Direttiva numru 2014/42/EU biex dritt bħal dan jidħol fil-liġi tagħna. Huwa minn awl id-dinja, li l-imputat dejjem għandu jkollu d-dritt li jitlob li jitħassar jew ikun emendat Ordni ta' din ix-xorta. Id-Direttiva imsemmija fil-fatt tistabilixxi hekk:*

*'4. **Member States shall provide for the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order***

***before a court, in accordance with procedures provided for in national law**. Such procedures may provide that when the initial freezing order has been taken by a competent authority other than a judicial authority, such order shall first be submitted for validation or review to a judicial authority before it can be challenged before a court.'*

*'6. Member States shall take the necessary measures to ensure that reasons are given for any confiscation order and that the order is communicated to the person affected. **Member States shall provide for the effective possibility for a person in respect of whom confiscation is ordered to challenge the order before a court.'***

***'(34) The purpose of communicating the freezing order is, inter alia, to allow the affected person to challenge the order. Therefore, such communication should indicate, at least briefly, the reason or reasons for the order concerned, it being understood that such indication can be very succinct.'***

*Minn dawn il-passaġġi tad-Direttiva, il-Qorti tislet żewġ konklużjonijiet:*

*L-ewwel, l-importanza li d-direttiva tagħti għad-dritt ta' kontestazzjoni għall-ordni It-tieni, li sal-lum ir-rikorrent għadu fil-pożizzjoni li kien qabel, daqs li kieku din id-Direttiva qatt ma eżistiet u l-liġi ma nbidlitx.*

*Għalkemm ordnijiet bħal dawn ma humiex per se kaġun ta' ksur ta' dritt fundamentali **(ara Sentenza Mucci -vs- Italy)** b'dana ma jfissirx li ma għandhomx ikunu attivati b'mod raġjonevoli u bilanċjat jew li l-imputat ma għandux ikollu dritt li jikkontesthom. Apparti dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax, li filwaqt li r-rikorrent ma għandux dan id-dritt ta' kontestazzjoni, mhux hekk għall-Avukat Ġenerali. Di fatti, artikolu 22A(8) jipprovdi li f'każ li l-Qorti tiċħadlu it-talba għall-konġelament tal-assi tal-imputat**,** l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa*

*Dan ifisser, li fis-sitwazzjoni anomala tar-rikorrent, l-anqas teżisti parita' ta' armi f'din il-proċedura. Għalkemm huwa minnu li dan il-prinċipju jiġi ġeneralment invokat fil-każ ta' ksur ta' artikolu 39(2) u 6(I) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament (Ara **Sentenza tas-16 ta' Frar 2000 fil-kawża Rowe and Davis vs. United Kingdom** ), jibqa' l-fatt, li dan ikompli jbiegħed mir-rikorrent kull speranza li qatt jista' jkollu opportunita' li jirrevoka din l-ordni. Dan għaliex f'każ li t-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-Ordni ma tintlaqax, tista' pero' tintlaqa' mill-Qorti Kriminali wara appell miċ-ċaħda tal-*

*Prosekuzzjoni. Għalhekk huwa sillogismu legali korrett jekk jingħad li l-mezz ta' kontestazzjoni ta' ordnijiet bħal dawn huwa intrinsikament marbut sfieq mad-dritt ta' tgawdija paċifika tal-propjeta' u biex ikun hemm it-tgawdija mhux neċessarjament irid ikun hemm propjeta' għaliex dan huwa dritt intinsiku tal-integrita' tal-individwu. Fi ftit kliem, id-dritt li nakkwista propjeta' mingħajr xkiel, anke jekk fil-mument propjeta' ma għandiex, ma għandux ikun inġustament imxekkel b'ordnijiet ta' din ix-xorta. Iċ-ċaħda tad-dritt ta' kontestazzjoni hija fiha innifsha u per se in-negazzjoni tat-tama li l-imputat li jkun jista' jibda jgawdi f'kollox jew parti minnha l-propjeta' tiegħu, dejjem jekk ikollu raġun fil-liġi. Jekk jirrikorru ċirkostanzi li ġustament jagħtu lok għar-revoka tal-ordni, iżda dan ma jkunx jista' jsir, għaliex ma hemmx disponibbli il-mezz kif ir-rikorrent jista' jitlob dan il-bdil, ikun ifisser, li jkun qiegħed jiġi imċaħħad inġustament milli jgawdi ħwejjġu paċifikament. Għalhekk l-għotja ta' possibbilita' li jikkontesta ordni bħal din, remot kemm hu remot is-suċċess tal-kontestazzjoni, joffri tama lill-persuna li tista' possibilment terġa' tibda tgawdi jew tużufruwixxi mill-propjeta' jew possedimenti tagħha.*

*Kif diġa' ingħad aktar 'l fuq, din il-Qorti bil-kelma possedimenti tifhem ukoll il-ħiliet u kapaċitajiet tal-individwu li jistgħu ikunu impjegati f'attivita' industrijali li tista' tirrendilu xi xorta ta' qliegħ jew jakkwista propjeta' futura. Għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat tal-istat meta jargumenta li r-rikorrent jammetti li ma kienx fittex xogħol. Ma hemm ebda dubju li din l-ordni żgur ser tkun ta' xkiel, l-ewwel biex isib impieg u t-tieni min jimpjegaħ kien ser ikollu l-obbligu li ma jagħddilux il-ħlas qua sekwestratarju b'konsegwenza tal-ordni. Il-Qorti hija konvinta u ma għandha ebda dubju, aktar u aktar llum mill-bieraħ, minħabba l-eżerċizzji ta' due diligence fuq il-persuna li saru tant frekwenti, l-konsegwenzi ovvja u pervasiva ta' din ordni ta' din ix-xorta ser tkun ċertament ta' tfixkil u ostaklu fil-milja kollha tal-ħiliet u kapaċitajiet tal-individwu, Di piu' il-Qorti tfakkar ukoll li f'sitwazzjonijiet jista' jkollok vittmi indiretti, bħal ma huma dawk dipendenti u membri tal-familja. Fis-Sentenza riċentissima* ***tal-ECHR fl-ismijiet Shorazova -vs- Malta (applikazzjoni numru 51853/19 tat-3 ta' Marzu 2022 dik li osservat hekk fir-rigward ta' ordnijiet bħal dak mertu ta' dawn il-proċeduri:***

***"The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Or-dinance) during that period, were of little since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain pay-ments, they***

***solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order (see par-agraph 43 above) (see, acontrario, Karahasanoğlu , cited above, § 153). The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant (see paragraph 114 above), even assuming they were genuine and based on a persistent reasonable suspicion".***

*Wara li eżaminat u qieset il-liġijiet kollha rilevanti ta' pajjiżna din il-Qorti waslet għas-segwenti konkluzjoni :*

*"In the light of the above the Court considers that, in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, until July 2021, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference. The constitutional jurisdictions failed to rectify those omissions as they merely paid lip service to the relevant criteria in their assessment of the impugned measure (see paragraphs 58 and 66 above) which the applicant had claimed was in breach of her rights under Article 1 of Protocol No. 1. As a result, her property rights were rendered nugatory". (Emfażi tal-Qorti).*

*Fil-każ ċitat hawn fuq, il-proċeduri kienu ilhom 8 snin pendenti. Fil-każ odjern il-każ ilu 12-il sena għaddej.*

*Huwa interessanti li l-Qrati tagħna, partikolarment il-Qrati tal-Maġistrati fil-kompetenza Kriminali tagħhom, kemm-il darba għamlu osservazzjonijiet simili għal dawk ennunċjati mill-ECHR fis-Sentenza suċitata. Hekk fid-digriet tad-**9 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Brian Tonna et, per Maġistrat Donatella Frendo** fir-rigward ta' ordnijiet ta' din ix-xorta il-Qorti ħasset li kellha tgħid hekk:*

*"**G**ħalhekk f'każ li (i) jiġi determinat a priori l-ammont ta' l-allegat rikavat jew (ii) (addirittura bħal ma hu l-każ in deżamina) jirrizulta li ma jkunx hemm rikavat u cioe` l-persuna imputata ma tkun ipperċepiet l-ebda propjetà` jew flejjes ta' provvenjenża illeċita, li ordni t'iffriżar jitħalla jibqa' in vigore għat-tul tal-proċeduri, bid-diffikultajiet u tbatijiet li indubbjament tali ordni jġorr miegħu, ikun tassew inġust fil-konfront tal-persuna imputata li l-ordni jestendi fuq propjetà, flejjes jew assi ta' kull xorta li jiżboq l-ammont tal-allegat rikavat. Multo magis meta ma jkun hemm l-ebda rikavat!" (Ara ukoll **Digrieti tas-17***

> ***ta' Jannar 2022 fl-ismijiet Ir-Repubblika -vs- Yorgen Fenech u kif ukoll dak tas-17 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet Repubblika -vs- Vincent Buħaġiar kollha per Maġ*** *Donatella Frendo).*
>
> *Dawn l-aħħar żewġ digrieti jakkwistaw importanza mhux biss inkwantu jitfgħu dawl fuq il-bilanċ li jrid jintlaħaq bejn din l-ordni u id-drittijiet tal-akkużat, iżda wkoll għaliex, minn eżami tal-atti tal-Kumpilazzjoni, ir-rikorrent kemm-il darba saħaq li minkejja s-snin kollha li għaddew minn fuq il-proċeduri, għad ma hemmx prova li għamel xi profitt jew qliegħ. Ordni bħal din hija inrinsikament marbuta mal-fatt li l-assi ffriżati huma provenjenti minn qliegħ magħmul minn attivita' illeċita' b'riflessjoni tal-pieni stabbiliti taħt artikolu 22 tal-Kap 1010 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Għalhekk fid-dawl tat-tul ta' żmien esaġerat, b'kondotta tal-aġenti kollha tal-Istat li tirraża l-parodija ta' ġustizzja, b'defiċjenza waħda wara l-ħlas u l-effett pervasiv fuq il-patrimonju tar-rikorrent, il-Qorti ssib li tassew ġie miksur id-dritt tar-rikorrent protett minn artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

Din il-Qorti inter alia ddeċidiet hekk;

> *"**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tiddikjara illi dan sofra leżjoni tad-dritt tiegħu tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.*
>
> **...**
>
> ***Tilqa' it-tielet talba*** *u tannulla u tirrevoka l-Ordni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija ( Supt. J.J. Fenech ) -vs- Sebastian Dalli."*

**Din is-sentenza ġiet appellata.**

Il-**Qorti Kostituzzjonali**[12] fuq appell mid-deċiżjoni appena ċitata kellha dan xi tgħid fir-rigward tal-ksur misjub kif ingħad:

> *"**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

[12] 30/11/2022

*1. Fir-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata peress li skont huma l-emendi li saru fl2014 fl-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta qatt ma setgħu jkunu applikabbli fir-rigward tal-appellat peress li jitrattaw Ordni ta' Iffriżar temporanju ai termini tal-Artikolu 22A(7), li huwa distint minn dak li inħareġ fil-konfront tal-appellat ai termini tal-Artikolu 22A(1). Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li dan l-argument huwa żbaljat għaliex il-liġi ma toħloqx żewġ tipi differenti ta' ordni ta' iffriżar u li l-ordni temporanju li għalih jagħmlu referenza l-appellati huwa sempliċiment ordni ta' iffriżar maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati li jkun suġġett għall-appell quddiem ilQorti Kriminali. Wara li rat l-artikoli relevanti din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellat u tqis li l-appellanti għandhom raġun meta jgħidu li l-proċedura li nħolqot permezz tal-emendi tal-2014 mhux applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-appellat. A kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellat huwa ċar li l-liġi toħloq żewġ tipi distinti ta' Ordni ta' Iffriżar, wieħed permezz talArtikolu 22A (1) u l-ieħor permezz tal-Artikolu 22A(7), u dan kif jirriżulta manifestament mid-diċitura tal-liġi. L-Artikolu 22A(1) jipprovdi li l-Qorti għandha toħroġ Ordni ta' Iffriżar fuq talba tal-prosekuzzjoni meta lakkużat ikun qiegħed jiġi mixli "b' bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-sub-artikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fissub-artikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati." Skont l-Artikolu 22A(2) imbagħad dan l-ordni jibda jseħħ immedjatament malli jsir u jibqa' hekk iseħħ sakemm ilproċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u*

*konklussiv u fil-każ ta' sejbien ta' ħtija sakemm mis-sentenza tkun ġiet esegwita. L-Artikolu 22A(7) min-naħa l-oħra jipprovdi hekk:*

*"Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar li għandha l-istess effett bħal ordni li tkun saret taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu."*

*1. Huwa ċar għal din il-Qorti allura li l-ordni ta' iffriżar provdut fis-subinċiż 7 tal-Artikolu 22A mhuwiex l-istess ordni kkontemplat fl-ewwel subinċiż tal-istess artikolu. Anzi hija l-liġi stess li tgħid li dan l-ordni jinħareġ kemm-il darba il-Qorti ma tkunx ipproċediet minnufih sabiex tagħmel ordni taħt l-ewwel sub-inċiż, li jfisser li l-Ordni ta'*

*Iffriżaripprospettat mis-sub-inċiż 7 jinħareġ biss meta ma jkunx inħareġ mill-ewwel ordni ta' iffriżat taħt is-sub-inċiż 1. Minn dan isegwi li dan iż-żewġ sub-inċiżi joħloqu Ordni ta' Iffriżar distinti, minkejja li għandhom l-istess effett, u li huma ntiżi sabiex jaqdu għanijiet differenti. Huwa mbagħad l-Artikolu 22A(9) li joħloq id-dritt ta' appell li dwaru m'hemmx qbil bejn il-partijiet.*

*Dan l-artikolu jipprovdi hekk:*

*"L-imputat jista' fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li tkun saret lordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali."*

*Huwa ċar għalhekk li dan id-dritt ta' appell japplika biss fir-rigward ta' Ordni ta' Iffriżar maħruġ ai termini tas-sub-artikolu 7 u mhux ukoll għal Il-Qorti tista mill-ewwel toħroġ ordni ta' iffriżar li jibqa' fis-seħħ sakemm tiġi esegwita l-eventwali sentenza jew sakemm lakkużat ma jiġix liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra dak maħruġ bis-saħħa tal-ewwel sub-artikolu, u dan kif jipprovdi espressament is-sub-inċiż appena ċitat. Fi kliem ieħor il-Qorti tifhem li l-liġi tipprovdi għal żewġ ċirkostanzi:*

*i. il-Qorti tista mill-ewwel toħroġ ordni ta' iffriżar li jibqa' fis-seħħ sakemm tiġi eseġwita l-eventwali sentenza jew sakemm l-akkużat ma jiġix liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu b'mod finali skont ma jkun il-kaz. F'dan il-każ m'hemm l-ebda dritt ta' appell kontr l-Ordni ta' Iffriżar.*

*ii.Il-Qorti tista' tagħżel li ma toħroġx ordni ta' iffriżar taħt l-Artikolu 22A(1), f'liema każ il-Qorti għandha toħroġ ordni ta' iffriżar ai termini tal-Artikolu 22A(7). F'dan il-każ il-prosekuzzjoni għandha dritt*

*tagħmel appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti talMaġistrati li ma toħroġx l-ordni ai termini tal-Artikolu 22A(1)* ***skont kif provdut l-Artikolu 22A(8)****, u l-akkużat għandu dritt jagħmel appell kontra l-ħruġ tal-ordni ta' iffriżar taħt l-artikolu 22A(7)* ***skont kif provdut fl-Artikolu 22A(9).***

*23.Iżda l-Qorti taqbel mal-appellat li dan bl-ebda mod ma jgħin il-pożizzjoni tal-appellanti f'din il-kawża. Ikkonsidrat li l-appellat qiegħed jilmenta dwar il-fatt li m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontra tiegħu, din il-Qorti qajla tifhem kif l-appellanti jħossu li aggravju li l-ġist tiegħu huwa li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar ser jimmilita favur tagħhom. L-appellant lanqas ma jistgħu jinħbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE għaliex a kuntrarju ta' dak*

*argumentat minnhom il-liġi Maltija mhijiex filfatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affetwata għandu jkollha possibilità effettiva li tikkontesta dik l-ordni.1 Għalhekk l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmija imbagħad fl-istess nifs jgħidu li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu.*

24. *Huwa assolutament infondat imbagħad l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-għan wara ordni ta' iffriżar. Anzi l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-ħruġ ta' ordni ta' iffriżar mhuwiex fih innifsu leżiv tad-drittijiet fondamentali. Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex fis-sens li l-ħruġ ta' dan l-ordni kien minnu nnifsu leżiv tad-drittijiet tal-appellat. Is-sejbien ta' ksur sar mill-Ewwel Qorti wara li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u partikolarment il-fatt li l-appellat m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar abbinat mad-dewmien taż-żmien filkawża kontra tiegħu, fatturi li l-Ewwel Qorti sabet li jwasslu għal nuqqas ta' proporzjonalitá bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tal-appellat.*

25. *Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Qorti Kriminali żammet l-Ordni ta' Iffriżar fis-seħħ għaliex sabet li kien ġustifikat u neċeassrju fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u li dawn il-proċeduri huma intiżi sabiex issir reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni minkejja li dawn il-Qrati mhumiex Qrati ta' reviżjoni. Huwa ċar li l-qrati ordinarji m'għamlu l-ebda analiżi tal-fatt u ma ħadux kont tal-kuntest tal-kawża kif jgħidu l-appellanti. Dan mhux b'xi nuqqas tal-Qrati ordinarji iżda minħabba li hekk kif jinħareġ ordni ta' iffriżar bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda proċedura disponibbli għall-akkużat biex jikkontesta dak l-ordni. Fil-fatt, fid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Jannar 2021 (fol. 50) il-Qorti qalet ċar u tond li t-talba kienet qed tiġi miċħuda minħabba "...dak espost fil-liġi partikolarment li l-Ordni tal-Iffriżar jibqa' fis-seħħ sassentenza finali." L-ebda raġuni msejsa fuq il-fatti jew il-kuntest tal-każ ma ngħatat mill-Qorti, fatt li manifestament jikkontradiċi dan l-argument talappellanti. Minn dan għandu jsegwi wkoll li dawn il-proċeduri ma' jistgħu qatt jitqiesu li huma tentattiv ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti ordinarja kompetenti.*

26. *Anke l-argument magħmul mill-appellanti fis-sitt aggravju fis-sens li wieħed jista' jitkellem dwar ksur ta' dritt biss meta jiġi mneżża' minn dak id-dritt huwa kompletament żbaljat. L-Artikolu 1 tal-Ewwel*

*Protokoll kontroll tal-użu tal-possedimenti tal-individwu. Il-Qorti tirrileva fil-fatt li din il-Qorti diġà sabet saħansitra li anke l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli meta jsir ilment dwar Ordni ta' Iffriżar tal-assi tal-akkużat għaliex "[i]l-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-Art. 37."[13] Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal Ewwel Protokoll u l-applikabilitá tiegħu fil-kuntest tal-iffriżar ta' assi ta' imputat pendenti l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, il-Qorti Ewropea qalet ċar u tond li "...the seizure of property for legal proceedings normally relates to the control of the use of property, which falls within the ambit of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."3 M'hemmx dubju għalhekk li dan l-argument tal-appellanti huwa priv minn kwalunkwe fondament ġuridiku.*

....

*"...the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified, was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied."*

...

29. *Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja. Meta jkunu għaddew però tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista' tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea flismijiet* ***Yassin Abdullah Kadi v. European Commission*** *tal-2010 fejn ġie kkonsidrat hekk:*

[13] Dżinić vs Croatia (QEDB 17/08/2016).

*"...given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one."*

30. *Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat filfrattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza flismijiet* ***Shorazova v. Malta*** *(QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:*

*"...the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see*

*G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case.*

*[omissis]*

*According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the*

*contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)."*

31. *Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din issentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli -independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz talArtikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

32. *Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-appellat sofra leżjoni tad-dritt tiegħu sanċit permezz tal-Artikolu 1 tal- Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea."*

**ii.-** Oltre naraw li fid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali **Joseph Lebrun**[14] intematika il-Qorti kellha li ġej xi tgħid dwar l-Ordni ta' Iffriżar, iż-żamma tagħha fit-tul bla qies tar-rikavat illeċitu, t-tul tal-proċeduri kriminali per se u l-

[14] *Supra cit.*

proporzjonalita' ta' l-istess ordni tenut kont ukoll li l-imputat ma kellux għodda għat-talba ta' revoka ta' l-istess ordni. Ingħad:-

> "*14. L-intimati jinsistu li l-proviso tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jagħti lill-Istat il-poter li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa sabiex jipproteġi r-rikavat minn kull reat kriminali u li l-miżura inkwistjoni hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata. Dan billi: (i) skont l-ewwel proviso tal-artikolu 22A(1) tal-Kap. 101, il-Qorti tista' tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lill-akkużat 'sabiex hu u l-familja tiegħu jkollhom għixien diċenti f'ammont ta' €13,976.24 fis-sena'; (ii) skont l-artikolu (a) tal-ewwel proviso tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101, il-Qorti tista' wkoll tawtorizza ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide li jkunu saru qabel ma nħareġ l-Ordni; (iii) skont l-artikolu (b) tal-ewwel proviso tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 il-Qorti tista' wkoll, għal raġuni tajba, tawtorizza lill-akkużat biex jitrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli; (iv) skont l-artikolu 22A(3) tal-Kap. 101 il-Qorti tista' tibdel dik l-Ordni; u (v) meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat waqt li l-Ordni jkun fis-seħħ, tali flus jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat. Isostnu li l-appellat ma ġab ebda prova li huwa safa preġudikat jew sofra ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif minnu allegat u li l-Ewwel Qorti ma ndikat l-ebda fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ tal-Ordni ta' ffriżar. L-intimati jtennu li l-proċeduri penali għadhom pendenti sine die mit-13 ta' Frar 2019 għaliex qegħdin jistennew l-eżitu ta' diversi kawżi kostituzzjonali ntavolati minn Lebrun (Rik. Nru 221/2022 AJD23 u Rik. Nru. 69/2018 MH24)*[15]*.*
>
> *15. Da parti tiegħu r-rikorrent jinsisti li l-Avukat Ġenerali dejjem joġġezzjona li l-assi jinħallu minn ordni ta' ffriżar u talbiet bħal dik dejjem jiġu miċħuda. Lanqas ma hija soluzzjoni li jiġu likwidati assi oħra billi kull rikavat xorta se jiġi ffriżat. Jgħid għalhekk li l-ordni ta' ffriżar poġġiet piż sproporzjonat fuqu, liema preġudizzju jirriżulta b'mod oġġettiv u għalhekk m'hemmx għalfejn iressaq provi oħra.*
>
> *16. L-Ordni ta' ffriżar in kwistjoni ħarġet fl-2005. Dak iż-żmien l-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap. 101) kien jipprovdi hekk:*

[15] 24 B'dik il-kawża Lebrun talab li l-Qorti ssib ksur tad-Drittijiet Fondamentali tiegħu marbut ma' interċettazzjonijiet telefoniċi *ai termini* tal-Kap. 391. Kawża differita għall-10 ta' Ġunju 2024 għall-finali trattazzjoni

*"22A. (1) Meta persuna tiġi akkużata taht l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*
*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda I-Qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fiIwaqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u I-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu fis-sena (13,976.24):*

*Iżda wkoll il-Qorti tista' barra minn dan –*
*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu -*

*(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u*

***(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklussiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita.25***

*(3) II-Qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih I-isem u l-kunjom ta' l-akkużat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u n-numru tal-Karta ta' I-identità tiegħu.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak I-ordni jkun fis-seħħ dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort' oħra f'dak I-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu r-Registralur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak I-ordni."*

*17. Bl-emendi ntrodotti bl-Att IV tal-2014, minnufih wara s-subartikolu (6) tal-artikolu 22A tal-Kap. 101, żdiedu s-subinċiżi (7), (8) u (9) li jikkonċernaw ordni temporanja ta' ffriżar meta l-qorti ma tkunx ipproċediet minnufih biex tagħmel ordni skont sub-inċiż (1). Emendi li ma japplikawx għall-każ in eżami għaliex kien diġà nħareġ l-ordni ta' ffriżar kontra r-rikorrent.*

*18. Bl-Att XXXI tal-2019, fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) u fis-subartikolu (6), il-kliem "ir-Reġistratur tal-Qorti" ġew sostitwiti bil-kliem "id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi".*

*19. Stabbilt dan, irid issa jitqies jekk l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi kollha tar-rikorrent appellat għal dawn l-aħħar tmintax-il sena, huwiex konformi mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

*20. F'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Shorazova v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fit-3 ta' Marzu 2022 (Application no. 51853/19). Każ dwar proċeduri relatati ma' talba għal assistenza legali u konsegwenti ordni ta' ffriżar a tenur tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali fuq il-proprjeta' ta' Shorazova marbuta ma' proċeduri kriminali kontriha fil-Każakistan. Inter alia Shorazova ressqet ukoll ilment b'referenza għall-jedd fundamentali garantit taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni*

*21. F' dak il-kuntest, il-QEDB tenniet is-segwenti prinċipji ġenerali:*

*"103. The Court reiterates that, according to its case-law, Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules: the first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule (see, among many other authorities, G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy [GC], nos. 1828/06 and 2 others, § 289, 28 June 2018).*

*104. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to keeping them available to meet a potential financial penalty falls to be analysed under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, among other things, allows States to control the use of propertyto secure the payment of penalties (see, for example, Apostolovi v. Bulgaria, no. 32644/09, § 91, 7 November 2019 and the case-law cited therein; and, more recently, Karahasanoğlu v. Turkey, nos. 21392/08 and 2 others, § 144, 16 March 2021 in relation to temporary injunctions preventing the applicant from using and disposing of his assets). In such cases the Court must establish whether the measure was lawful and "in accordance with the general interest", and whether there existed a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, for example, Džinić v. Croatia, no. 38359/13, §§ 61-62, 17 May 2016).*

*105. In addition, the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively*

*challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by*

*Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. In order to ensure that this condition is satisfied, the applicable procedures should be considered from a general standpoint (ibid).”*

*22. Fil-każ ta’* ***Shorazova****, il-QEDB osservat li wara tmien snin li l-ordni ta’ ffriżar kontriha kien ilu fis-seħħ, il-Qorti Kriminali kienet sabet li dik l-ordni ta’ ffriżar ma kienx inħareġ skont il-liġi għaliex Shorazova kienet biss suspettata u qatt ma kien hemm proċeduri kontriha fil-Każakistan. Bil-fatt li fi tmien snin ebda awtorità jew qorti domestika ma kienet għamlet l-aċċertamenti meħtieġa, il-QEDB qieset li kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali biżżejjed biex teżamina l-ilment tagħha, b’mod partikolari biex tindirizza l-kwistjoni jekk il-liġi tipprovdix biżżejjed salvagwardji kontra interferenza arbitrarja jew sproporzjonata*

*23. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkwota x’qalet il-QEDB f’dak il-kuntest:*

*“113. According to the Court’s case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149).* ***While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court’s assessment****, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82).*

*114. Turning to the present case,* ***the Court considers that the freezing of all of the applicant’s property (in Malta) is, by its nature, a harsh***

***and restrictive measure****. It is capable of affecting the rights of an owner to such an extent that his or her main business activity or even living*

*conditions may be put at stake (see JGK Statyba Ltd and Guselnikovas, cited above, § 129).* ***It is true that in the present case****, while the applicant claimed that her economic activities were paralysed,* ***it has not been claimed that her entire business or living conditions have been put at stake****. Indeed, as argued by the Government, the facts of the case show that the applicant has extensive means in various European States.* ***However, nowhere does it appear from the documents available to the Court that the value of the property subject to the freezing order – the entirety of her property in Malta – was equal to the pecuniary gain allegedly obtained through any alleged predicate offence (offences of which she may or may not have been suspected)****.* ***Nor that all her belongings had been suspected of being laundered money, offence of which she had been suspected*** *(contrast, Apostolovi, cited above, § 93, and Piras, cited above, § 56). It is true that when the first request for legal assistance was issued the proceedings in Kazakhstan were clearly at the investigation stage. However, a few months later, presumably in January 2014, the Maltese authorities appear to have harboured the idea that proceedings were initiated and 'charges' were instituted against the applicant (who obtained the status of an accused person in Malta on 10 October 2014). Nevertheless, from the materials available to the Court,* ***no domestic court appears to have made an assessment concerning the extent of the freezing order issued in February 2014 in relation to the "charges" set out by the Kazakh authorities****, neither at the time nor in subsequent renewals (compare Džinić, cited above, §§ 70-82).*

*115.* ***The Court reiterates that while the fact that freezing orders are made without notice being served on the accused or the other persons affected by them does not in itself raise an issue in terms of safeguards, given the one sidedness of the proceedings, the freezing order's potentially far reaching consequences, and the fact that it takes effect immediately (according to Maltese law – see Article 22A 2 (a) of the Dangerous Drugs Ordinance, paragraph 80 above), careful consideration of the requests for such orders is called for in each individual case*** *(see, mutatis mutandis, Apostolovi, cited above, § 98).*

*116. The applicant stressed the failure of the domestic courts to examine whether the request had been genuine and the excessive duration of the purported temporary measure.*

*117. The Court observes that in the present case the investigation was not being undertaken in Malta and the required action was not sought by*

*the Maltese authorities who were solely acquiescing to the requests of the Kazakh authorities. Nevertheless, until 2021 – more than seven years after the issuance of the order – no assessment appears to have been made by the Criminal Court as to whether it would have been legitimate and proportionate to apply such a measure, given the circumstances of the case (see also the considerations made at paragraph 111 above). Thus,* ***at no stage before the Criminal Court had there been any judicial assessment of the credibility of the 'charges'*** *(contrast, Piras, cited above, § 60).*

*118.* ***The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance) during that period, were of little significance since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain payments, they solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order*** *(see paragraph 43 above) (see, a contrario, Karahasanoğlu, cited above, § 153).* ***The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant*** *(see paragraph 114 above),* ***even assuming they were genuine and based on a persistent reasonable suspicion.***

*119. Furthermore, it would appear that, until 2021, the measure was extended automatically, without the applicant being heard. The Court observes that the parties are in disagreement about this factual point (see paragraphs 99 and 90 above). The Government claimed that an oral hearing took place at every renewal and that in general by default the Criminal Court would lift the measure after six months, unless itconsidered otherwise. The applicant categorically denied that oral hearings took place, noting that she only received notification of the decisions stating that "the Attorney General's request was granted", and that the Criminal Court invariably accepted such extension requests.*

*120. The Court notes that the law (Article 24C (4) of the Dangerous Drugs Ordinance which applied equally to freezing orders issued under Article 435C of the Criminal Code) provided that the freezing order*

*shall remain in force for a period of six months and "shall" be renewed if the court is satisfied that the conditions which led to the making of the order still existed. Nevertheless, save for the obligation on the Attorney General to verify that the offences at issue were also punishable in Malta (Article 10 of the Money Laundering Act) the law did not specify any particular conditions which had to be met for the order to be issued in the first place by the Criminal Court (see conversely, for example, the requirement applicable to the action of the Court of Magistrates under Article 649 of the Criminal Code to ensure that the request was not contrary to the public policy or the internal public law of Malta). However, even assuming that domestic practice made it clear that such conditions referred to the legal premises of a request – in the case of freezing orders in such context, namely, the status (suspect/charged or accused) of the person; the existence of the reasonable suspicion against the person; the correlation between the property subject to the freezing order and the charges, if any, against the individual; and the proportionality of the measure in the specific circumstances of a case – the Court has already held above that* ***none of those considerations were made in the ordinary proceedings relating to the freezing order****. This was the case until the final intervention by the Criminal Court in 2021, after the applicant's complaints had been communicated to the respondent Government and brought to that court's attention by the applicant (see paragraph 68 above).*

*121. Further, despite the Government's allegation, the Court observes that the law did not specify that before a decision to renew an oral hearing would take place, nor that the applicant would be allowed to make submissions at least in writing. In such circumstances, and given that the Government failed to substantiate this allegation by providing the minutes of such hearings or making any reference to the actual considerations made by the Criminal Court during such renewals, the Court finds it difficult to give credence to the Government's allegation, that any oral hearings took place before the applicant's request in December 2020, and the subsequent developments.*

*122. While it is unclear to the Court whether, prior to December 2020 and the communication of part of the application to the respondent Government, the applicant had ever attempted to request the revocation of the order by lodging an application under Article 24C (5) (c) of the Dangerous Drugs Ordinance, the Court notes that the Government have not claimed that she did and thus that she had made out her case, nor that she had not done so, despite an opportunity to do*

*so. Further, the Court observes that the constitutional jurisdictions did not reject*

*her complaint under Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention for failure to exhaust ordinary remedies, that is for failing to challenge the impugned measure by these means. It follows that* ***the Court has no reason to consider that her possibility to challenge the order under the just mentioned Article 24C (5) (c) of the Dangerous Drugs Ordinance would have constituted an effective safeguard*** *(compare the decision of the Court of Magistrates to a similar challenge, at paragraph 39 above), had the applicant's complaints to the Court not been communicated to the respondent Government.*

*123. In the light of the above the Court considers that, in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, until July 2021, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference. The constitutional jurisdictions failed to rectify those omissions as they merely paid lip service to the relevant criteria in their assessment of the impugned measure (see paragraphs 58 and 66 above) which the applicant had claimed was in breach of her rights under Article 1 of Protocol No. 1. As a result, her property rights were rendered nugatory.*

*124. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that in the circumstances of the applicant's case there has been a violation of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."*

*24. Fil-każ tal-lum, l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ngħatat fis-6 ta' Settembru 2005, l-istess ġurnata li huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat b'assoċjazzjoni, importazzjoni, traffikar u pussess ta' droga eroina.*

*25. Minn dik il-ġurnata sal-lum, ma jirriżultax li sar xi eżerċizzju biex jevalwa l-ħtieġa li tibqa' fis-seħħ l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi kollha tal-akkużat fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-uniku bidliet / talbiet għal tibdil / fatturi li sal-lum effetwaw l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi tal-akkużat kienu s-segwenti:*

…….

*26. Sostanzjalment għalhekk, tul perjodu ta' aktar minn tmintax-il sena kemm ilhom pendenti dawn il-proċeduri, l-ordni ta' ffriżar u l-effetti tagħha baqgħu tista' tgħid nvarjati.*

*27. Verament illi skont l-artikolu 22A tal-Kap. 101 l-akkużat seta' talab lill-Qorti tawtorizza ċertu derogi oħra / tibdil ieħor fl-ordni ta' ffriżar30. Mandankollu:*

*(i) Il-fakoltà li jagħti l-artikolu 22A hija limitata, fiċ-ċirkostanzi partikolari hemm imsemmija31, għal tibdil fl-ordni u mhux għall-kontestazzjoni / revoka totali tiegħu;*

*(ii) Il-liġi ma tipprovdix għal dritt ta' appell; u*

*(iii) Lanqas ma jipprovdi għal mekkaniżmu biex wara ċertu trapass ta' żmien l-Avukat Ġenerali jiġġustifika l-ħtieġa sabiex ordni bħal dik, li fin-natura tagħha hija ntiża bħala miżura temporanja, tibqa' fis-seħħ fuq il-ġid kollu.*

*27.Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-Istat et****, deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022, din il-Qorti diġà esprimiet il-fehma illi l-artikolu 22A tal-Kap. 101 saħansitra jmur kontra d-dritt komunitarju:*

*"L-appellant lanqas ma jistgħu jinħbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE għaliex a kuntrarju ta' dak argumentat minnhom il-liġi Maltija mhijiex fil-fatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affetwata għandu jkollha possibilità effettiva li tikkontesta dik l-ordni."*

*…..*

*31.Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel*

*Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-*

*nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ."*

*30.F'dan il-każ, diġà hemm ġudikat ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju 201433 li sabet ksur tal-jedd ta' Lebrun għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli dovut għall-fatt li sad-data ta' dik is-sentenza l-Avukat Ġenerali kien għadu ma ppreżentax l-att ta' akkuża li nħareġ biss fis-26 ta' Ġunju 2014. Madanakollu, il-kawża kriminali għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'referenza għas-sentenza li tat il-Qorti Kriminali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat. Kif rajna, b'ordni tat-13 ta' Frar 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali ddiferiet l-appell sine die sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali li saret referenza għaliha. Kawża li nfetħet minn Ġunju 2018 u għadha sub judice. Hu minnu li l-kawża nfetħet mir-rikorrent u ma spjegax għalfejn ħalla dawk is-snin kollha jgħaddu qabel fetaħ il-kawża. Madankollu, jibqa' l-fatt li mhux normali li proċeduri kriminali li bdew fis-sena 2005 għadhom pendenti sal-lum. Imbagħad il-liġi ordinarja ma toffrix rimedju fis-sens li kull tant żmien il-qorti kompetenti għandha tistħarreġ għadx hemm lok li tibqa' fis-seħħ l-ordni jew li l-akkużat minn jeddu jitlob għar-revoka tal-ordni tal-iffriżar. Il-liġi hi ċara fis-sens li ordni ta' ffriżar għandha tibqa' fis-seħħ sad-deċiżjoni finali, u f'każ ta' persuna li nstabet ħatja sakemm is-sentenza tiġi eżegwita.*

*31. Wieħed irid jifhem u japprezza li l-akkużat hu preżunt innoċenti. Ordni ta' ffriżar kif tidħol fis-seħħ twassal għall-konsegwenzi mhux żgħar fuq il-ħajja tal-akkużat u l-familja tiegħu. Wara kollox b'ordni bħal dik jiġi sekwestrat f'idejn terzi l-ġid tal-akkużat, u l-akkużat ma jistax jittrasferixxi jew mod ieħor jiddisponi minn ġidu. Il-fatt li l-liġi tipprovdi li l-qorti tista' "f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni", m'huwiex suffiċjenti meta tqis is-snin twal li għaddew minn meta nħareġ l-ordni ta' ffriżar.*

*32. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija ta' ħwejġu kif protett b'Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu qiegħed jolqot il-ġid kollu li jista' għandu l-attur."*

**iii**.- Dawn l-istess prinċipji ġew ukoll stabbiliti fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Keith Schembri et. Vs 1. L-Avukat tal-Istat et.**[16], dejjem minħabba nuqqas ta' proporzjonalita' u bilanċ bejn l-għodda leġislattiva fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kif din timpatta lil milqut, anke jekk fil-każ li se jiġi ċitat l-ilment kien dirett lejn ordni ta' sekwestru maħruġa taħt dak stabbilit fil-**Kap 373** tal-Liġijiet ta' Malta. Ingħad għalhekk:

*'28. Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw ukoll li peress li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jagħtix rimedju ordinarju quddiem qorti ta' setgħa ordinarja li għandha l-poter li tissindika jew tvarja ordni magħmula taħt dak l-artikolu, huma qegħdin isofru minn ksur tad-dritt tal-paċifika tgawdija tal-possedimenti tagħhom kif imħares mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u kif ukoll riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319. Il-Qorti tifhem li dan l-ilment huwa indirizzat lejn l-ordni ta' sekwestru u mhux lejn l-ordni ta' investigazzjoni.*

*29. L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi: "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu ddritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla lużu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

*30. Il-Qorti ssib li r-riferiment li jagħmlu r-rikorrenti għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Filkin v. Portugal** huwa rilevanti għall-proċeduri odjerni stante li tindirizza ċirkostanzi li jixbhu dawk li jirriżultaw hawnhekk, fejn ukoll il-qorti tal-pajjiż li kontrih mexa l-applikant, kienet ħarġet ordni ta' ffriżar temporanja kontra persuna li ma kinitx akkużata. Il-Qorti Ewropea hemmhekk stqarret li sabiex jingħad li huma mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-indħil fid-dritt tattgawdija tal-proprjetà kellu jkun fl-*

[16] Rikors numru 218/20/3 LM, deċiża 27 ta' Ottubru, 2021. Q.Kost

*interess pubbliku u skont dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi u dawk il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali. Tenniet li l-indħil għandu jassigura bilanċ ġust bejn l eżiġenzi tal-interess ġenerali u n-neċessità li jitħarsu d-drittijiet fundamentali tal-individwu:*

*"78. Pour être compatible avec l'article 1 du Protocole no 1, une ingérence dans le droit de propriété doit être opérée « pour cause d'utilité publique », et « dans les conditions prévues par la loi et les principes généraux de droit international ». L'ingérence doit ménager un « juste équilibre » entre les exigences de l'intérêt général de la communauté et les impératifs de la sauvegarde des droits fondamentaux de l'individu (Sporrong et Lönnroth c. Suède, 23 septembre 1982, § 69, série A no 52, et Granitul S.A. c. Roumanie, no 22022/03, § 46, 22 mars 2011). Lorsqu'elle contrôle le respect de cette exigence, la Cour reconnaît à l'État une grande marge d'appréciation tant pour choisir les modalités de mise en œuvre que pour juger si leurs conséquences se trouvent légitimées, dans l'intérêt général, par le souci d'atteindre l'objectif de la loi en cause (AGOSI c. Royaume-Uni, 24 octobre 1986, § 52, série A no 108,)."*

*31. Il-Qorti Ewropea tkompli tgħid li fattur importanti sabiex jingħad li qed jiġu mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għandu jkun l-opportunità li tingħata lill-persuna milquta mill-ordni sabiex tikkontesta l-miżuri ta' dik l-ordni. Qalet li din tal-aħħar tista' biss titqies leġittima fejn jitħalla dibattitu kuntrarju li jirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi:*

*"79. Nonostant le silence de l'article 1 du Protocole no 1 en matière d'exigences procédurales, une procédure judiciaire afférente au droit au respect des biens doit aussi offrir à la personne concernée une occasion adéquate d'exposer sa cause aux autorités compétentes afin de pouvoir contester effectivement les mesures portant atteinte aux droits garantis par cette disposition. Une ingérence dans les droits prévus par l'article 1 du Protocole no 1 ne peut ainsi avoir de légitimité*

*en l'absence d'un débat contradictoire et respectueux du principe de l'égalité des armes, qui permette de discuter des aspects présentant de l'importance pour l'issue de la cause. Pour s'assurer du respect de cette condition, il y a lieu de considérer les procédures applicables d'un*

*point de vue général (voir, mutatis mutandis, G.I.E.M. S.R.L. et autres c. Italie (fond) [GC], nos 1828/06 et 2 autres, § 302, 28 juin 2018).”*

*32. Minn hemm il-Qorti Ewropea fittxet jekk l-ordni maħruġa fil-konfront tal-applikant kienet konformi mar-rekwiżiti enunċjati fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, u filwaqt li sabet li din kienet inħarġet taħt il-liġi viġenti u għal raġuni leġittima, l-istess ma setax jingħad fejn applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità għall-miżura meħuda. Dan huwa proprju rifless fis-silta tad-deċiżjoni li jiċċitaw ir-rikorrenti fir-rikors tagħhom, b'dana li huma jagħmlu enfażi biss fuq aspett wieħed li l-Qorti Ewropea qieset meta dan l-aspett kien ġie mistħarreġ f'aktar profondità minnha u anki applikat fid-dawl tal-fatt li l-ordni kienet damet saħansitra aktar minn tliet snin u nofs in vigore. Din il-Qorti tagħraf li fil-każ miġjub quddiem il-Qorti Ewropea, instab li l-applikant ma kienx ġie notifikat bl-ordni u lanqas bit-tneħħija tagħha, u dan kellu l-effett li jċaħħdu mill-possibilità li jikkontestaha.*

*33. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-ordni saret mill-Qorti Kriminali ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 373, u m'hemmx dubju dwar il-leġittimità tagħha stante li l-għan ġenerali li jitrażżan il-ħasil ta' flus, ġie rifless fil-fatt li dawn l-ordnijiet kienu intiżi sabiex ir-rikorrenti bħala persuni suspettati jiġu investigati ulterjorment, filwaqt li tiġi miżmuma sħiħa kull informazzjoni li tista' sservi ta' siwi fl-investigazzjoni. Id-digriet tal-Qorti Kriminali fejn ingħatat l-ordni, jirrifletti dan kollu.*

*34. Jibqa' mbagħad li din il-Qorti tikkonsidra jekk l-ordni ta' sekwestru laħqitx ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Qabel xejn il-Qorti tosserva li din l-ordni nħarġet mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Settembru, 2020 u għalhekk ma jistax jingħad li meta r-rikorrenti ftit jiem wara intavolaw ir-rikors odjern fit-2 ta' Ottubru, 2020, huma kienu qegħdin isofru minn dewmien irraġonevoli, tenut kont ukoll tal-komplessità tal-investigazzjoni, kif in-numru tal-persuni u tal-kumpaniji milquta juri, aktar u aktar meta l-artikolu msemmi stess jagħti validità ta' sitt xhur.*

*Iżda kif diġà l-Qorti kellha l-opportunità li tesprimi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' rimedju fil-liġi sabiex jitolbu lill-qorti sabiex tissindika jew saħansitra tbiddel l-ordni, huwa wieħed ġustifikat. Fil-qafas ta' dak li jipprovdi għalih l-Artikolu*

*1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li jirrikjedi bilanċ bejn l-interess ġenerali li l-Istat għandu d-dover li jħares u d-drittijiet fundamentali talindividwu, il-Qorti ssib lil-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jilħaqx dan il-bilanċ u bl-ebda mod ma jista' jingħad li hemm proprozjonalità bejn il-miżura li jipprovdi għaliha dan l-artikolu 4, u d-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà. Fil-provvediment tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tesprimi ruħha fuq almenu rimedju wieħed, tal-ħatra ta' amministratur provviżorju li għandu jservi bħala kontrobilanċ sabiex issoċjetajiet rikorrenti jevitaw 'id-daqqa tal-mewt' tagħhom. Iżda ma kellhomx ikunu l-qrati kostituzzjonali li jagħtu rimedju u l-Qorti tissenjala li r-rikorrenti għandhom ikollhom id-dritt skont il-liġi li jirrikorru lejn il-Qorti Kriminali li ħarġet l-ordni, fejn filwaqt li jitolbu għat-tħassir tagħha jew sabiex jinbiddlu xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuqhom permezz ta' dik l-ordni, huma jkollhom l-opportunità li jagħmlu ssottomissjonijiet tagħhom ukoll. Ikun fid-diskrezzjoni mbagħad tal-Qorti Kriminali li tiddeċiedi dwar it-talbiet tagħhom.'*

*11. Għalhekk, kuntarjament għal dak pretiż mill-appellanti, il-fatt waħdu illi fl-20 ta' Marzu, 2021, l-appellati Keith Scembri, Alfio Schembri, Malcolm Scerri flimkien ma' numru ta' kumpaniji oħra ġew fil-fatt akkużati u nħareġ freezing order kontrihom, ma jġibx fix-xejn ir-raġunament tal-ewwel Qorti. **In-nuqqas ma jikkonċernax il-legalita` jew il-leġittimita` tal-miżura in kwistjoni, iżda jirreferi unikament għan-nuqqas ta' proporzjonalita` tal-istess miżura. Dan minħabba illi l-Artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jipprovdix mezz ordinarju kif il-persuna suspettata tista' tikkontesta l-ordni ta' sekwestru quddiem il-Qorti Kriminali jew li titlob varjazzjoni fl-ordni. Dan meta l-effett ta' ordni bħal dik u li l-persuna ma tkunx tista' tgawdi u tiddisponi mill-ġid tagħha jew li tirċievi mobbli li jkunu dovuti lilha.***

*12. Għalkemm l-ordni ta' sekwestru in kwistjoni llum m'għadux fisseħħ, għaliex is-suspettati ġew akkużati u kontra tagħhom inħareġ freezing order kif spjegat hawn fuq, jibqa' l-fatt li l-ordni damet fis-seħħ għall-perjodu ta' sitt xhur.*

*13. F'sentenza mogħtija mill-QEDB fis-16 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet **Karahasanoğlu v. Turkey** (21392/08; 53870/09; 32844/17), intqal:*

*'150. The Court notes that seizure of property which belongs to one of the parties to proceedings is, by its nature, a harsh and restrictive measure. It is capable of affecting the rights of an owner to such an extent that his or her main business activity or even living conditions may be put at stake (see JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, § 129, 5 November 2013) ...*

*151. The Court notes that in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No.1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors.* ***While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment (see Forminster Enterprises Limited, cited above, § 77), the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant****.*

*152. For example, in the case of* ***JGK Statyba Ltd and Guselnikovas*** *(cited above, §§ 130-33), the violation was not only based on the fact that the restriction had remained in place for more than ten years but also because the domestic courts had not considered any alternative and less restrictive measures and had treated the matter in an inconsistent manner, especially since the applicant company's ownership rights had already been definitively established in a previous final and binding judgment.*

*In the case of* ***Džinić*** *(cited above, §§ 70-82), where the measures had lasted two and a half years in the context of criminal proceedings, the Court found the measure to be disproportionate because the value of the seized property had been almost nine times more than the pecuniary gain allegedly obtained through the commission of the offence and the domestic courts had made no assessment in that regard.*

*In the case of* ***apostolovi and Others*** *(cited above, §§ 212-15), temporary injunctions had been imposed on the applicants on the grounds that their relatives, or their managers, were being prosecuted for misuse of public funds concerning the activities of a bank. For some applicants, these measures had lasted ten years, while for others they were still being maintained by the domestic courts at the time of the Court's judgment. The Court took into account several factors in its*

*finding of a violation. While it remarked that the initial implementation of those measures could have been considered proportionate, it found that the extent of the restrictions had been too broad and had become disproportionate over time. In that connection, the Court emphasised that the applicants had not benefited from any individual review of the measures, which had been automatic, general and inflexible and had lasted even after the criminal proceedings had been discontinued or terminated with acquittal and the payment orders had been overruled by the competent courts. Moreover, the applicants had not benefited from any procedural safeguards to effectively challenge those measures, which had been imposed on them in criminal proceedings to which they had not been parties. Lastly, the Court remarked that there was no evidence in the case file indicating that the applicants themselves had been implicated in the commission of the offences'.*

*14. Fil-każ fl-ismijiet* ***Džinić v. Croatia*** *(38359/13), deċiż fis-17 ta' Mejju, 2016 u li għalih saret referenza fil-każ ta' Karahasanoğlu, intqal: '67. Even if an interference has taken place subject to the conditions provided for by law and in the public interest, there must also be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. That requirement is expressed by the notion of a "fair balance" that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (see, for example, Hutten-Czapska v. Poland [GC], no. 35014/97, § 167, ECHR 2006-VIII; Depalle v. France [GC], no. 34044/02, § 83, ECHR 2010; and Herrmann v. Germany [GC], no. 9300/07, § 74, 26 June 2012; see also Borzhonov, cited above, § 59).*

*68. In particular, whereas seizure of the applicant's property is not in itself open to criticism, having regard in particular to the margin of*

*appreciation permitted under the second paragraph of Article 1 of the Protocol, it carries with it the risk of imposing on him an excessive burden in terms of his ability to dispose of his property and must accordingly provide certain procedural safeguards so as to ensure that the operation of the system and its impact on an applicant's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable.*

*15. Fis-sentenza **Apostolovi v Bulgaria** (32644/09) tas-7 ta' Novembru, 2019, l-istess qorti qalet: "96. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is not as such open to criticism (see Džinić, § 68, and Uzan and Others, § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disproportionate (ibid., as well as Piras, cited above, § 55). The available procedures as a whole must afford those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interests at stake (see Piras, § 55, and Uzan and Others, § 214, both cited above).*

*97. It must, then, be ascertained whether the relevant procedures, seen as a whole, met this requirement."*

*16. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, il-Qorti tqis li lArtikolu 4 tal-Kap. 373 ma jagħti l-ebda tip ta' rimedju lil min ikun milqut b'ordni ta' sekwestru. Għalkemm sitt xhur jista' jidher li mhuwiex xi perjodu twil, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn żmien qasir ikun ukoll ta' detriment għal min ikollu ordni ta' sekwestru kontrih mingħajr ma jkun jista' jitlob xi tip ta' rimedju biex itaffi mill-piż li ordni bħal dik tkun ġabet lill-persuna sekwestrata. Dan per eżempju fil-kummerċ. Dan mhux neċessarjament jinvolvi kxif ta' informazzjoni li tista' tippreġudika l-investigazzjoni kif allegat mill-appellanti. Dan iktar u iktar meta ordni ta' sekwestru tista' tiġġedded għal sitt xhur oħra, għalkemm dan ma seħħx fil-każ in eżami.*

…

*21. Għal kull buon fini, jingħad ukoll illi fit-12 ta' Marzu, 2021, daħal fis-seħħ l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita`, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta (Att V tal-2021)10 li fl-Artikolu 35(11) (a) jipprovdi li fejn ażjenda kummerċjali jew korp magħqud huwa soġġett għal ordni ta' sekwestru, l-istess ażjenda jew korp magħqud għandu jkompli bin-negozju. Iżda dan l-Att daħal fis-seħħ wara li l-ordni in kwistjoni kienet ilha in vigore għal kważi sitt xhur u għalhekk ma japplikax għal dan il-każ. Dan apparti li minkejja dik id-dispożizzjoni, ordni ta' sekwestru jista' jwassal għal diffikulta' kbira sabiex il-persuna milquta minnu*

*tkun tista' tkompli binnegozju, iktar u iktar meta tikkunsidra li jidħol fis-seħħ minnufih mal-ħruġ tal-ordni."*

Ikkunsidrat:

**7**. Magħmula din ir-rassenja ġurisprudenzjali fit-tul il-Qorti tgħaddi biex tqis l-applikabbilita' tagħhom għal każ in eżami. Mill-atti Kriminali kontra r-rikorrenti esebita lill-Qorti fuq USB[17] annessa jirriżulta illi hu ġie mressaq b'akkużi *inter alia* relatati mat-traffikar tad-droga Eroina, bejgħ tad-droga Cannabis, pussess ta' droga Eroina, ukoll Cannabis u Kokaina, wkoll żamma ta' arma tan-nar bi ksur tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kap 480. **Dan kien fit-13 ta' Jannar, 2014.**

**Rat li mal-istess preżentata, fuq talba tal-prosekuzzjoni, inħarġet mill-Qorti Ordni ta' Iffriżar ta' l-assi kollha tiegħu kontra l-imputat u dan ai terminu ta' l-artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Rat li aktar tard, issa fil-5 ta' Marzu, 2014, żdiedu bil-permess tal-Qorti akkużi ukoll taħt il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, issa relatati mad-distanza tal-mitt metru minn fejn allegatament saru l-akkużi konnessi mad-droga.

[1717] Folio 28 Dok SCT.

Rat li l-Qorti Istruttorja sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża.

**8**.Matul it-tul ta' dawn il-proċeduri l-imputat ressaq diversi talbiet lill-Qorti Istruttorja wkoll lill-Qorti Kriminali biex ivarja l-effetti tal-Ordni ta' Iffriżar. Dan dejjem fil-limiti li jagħtih il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta artikolu 22A.

-Rat ir-rikors tal-5 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti Istruttorja biex jingħata permess jiftaħ kont bankarju biex jirċievi benefiċċji soċjali u ċioe' *Children's allowance* ta' bintu minuri.

Rat li l-Qorti awtorizzat dan b'digriet appożitu anke wara li semgħet xhieda bankarja u xhieda rigward *social benefits*.[18]

-Rat rikors[19] ieħor għall-varjazzjoni tad-digriet appena msemmi biex fil-kont bankarju awtorizzat jidħlu wkoll flejjes lill-imputat kien qed jipperċepixxi mill-ħidma tiegħu, *self employed* ukoll mill-kumpanija tiegħu.

[18] Ara digriet tat- 12 ta' Marzu, 2014 folio 116 u digriet finali datat 24 ta' Gunju, 2014.
[19] Datat 25 ta' Gunju, 2014

Rat li b'digriet datat 16 ta' Lulju, 2014 awtorizzat din it-talba.[20]

-Rat rikors iehor tal-imputat datat 18 ta' Awwissu, 2014[21] issa biex il-Qorti tawtorizza r-rilaxx ta' flejjes perċepiti mix-xogħol u flejjes oħra li qala' mill-ħidma tiegħu bħala *self employed* qua *electrician* u flejjes oħra pperċepiti f'*unemployment benefits* u *children allowance*. Ukoll għar-rilaxx ta' flejjes lir-rikorrenti daħal minn bejgħ ta' vettura u dgħajsa.

Rat li għal dan ir-rikors l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għat-talba fuq il-pretest li dak li kien qed jitlob ir-rikorrenti seta' jsir biss f'każ ta' sejbien ta' ħtija u eventwali konfiska ordnata mill-Qorti u r-rikorrenti mbagħad seta' jipproċedi ai terminu ta' l-artikolu 22C tal-Kap 101 u jadixxi lill-Prim'Awla biex tirrilaxxa assi mhux provenjenti minn attivita' illeċita.

Rat id-diġriet tas-26 ta' April, 2016 fejn it-talba ġiet miċħuda fuq il-pretest li r-rilaxx ta' rikavat minn bejgħ li kien qed isemmi r-rikorrenti kif ingħad seta' biss isir bil-proċedura msemmija ai terminu ta' l-artikolu 22C tal-Kap 101.[22]

[20] Folio 287.
[21] Folio 296
[22] Folio 667

-Rat li sar rikors ieħor fil-31 ta' Mejju, 2016, biex[23] tinbidel l-Ordni ta' Iffriżar u dan ai terminu ta' l-artikolu 22A(3) biex ikun jista' jgħin b'mod finanzjarju lill-familtu.

Rat li l-Qorti, wara r-risposta ta' l-Avukat Ġenerali[24], semgħet diversi xhieda, u varjat l-Ordni ta' Iffriżar permess ta' digriet datat 7 ta' Frar, 2017.[25]

-Rat li reġa' sar rikors ieħor datat 15 ta' Jannar, 2018[26] ukoll għall-varjazzjoni ta' l-Ordni ta' Iffriżar biex tkun tista' titħallas mir-rikorrent imputat il-multa' ta' tmien mitt ewro. Din it-talba, nonostante l-oġġezzjoni għalija, ġiet milqugħa b'digriet datat 19 ta' Jannar, 2018.[27]

-Rat rikors ieħor ta' l-imputat Bartolo għall-ġbid ta' flus biex b'hekk ikun jista' jasal għas-somma awtorizzata lilu bil-liġi. Dan hu datat April, 2018.[28]

Rat li mill-ġdid mismugħa xhieda bankarji, l-Qorti laqgħat it-talba.[29]

---

[23] Folio 670
[24] Folio 715
[25] Folio 758
[26] Folio 793
[27] Folio 799
[28] Folio 808
[29] Folio 822

-Rat rikors ieħor ta' l-istess natura datat 13 ta' Ġunju, 2019[30], dan ġie milqugħ parzjalment mill-Qorti Kriminali biex l-imputat ġie awtorizzat jirtira somma inqas indikata.[31]

-Rikors ieħor datat 16 ta' Ottubru, 2019[32] ukoll biex ikun jista' jipperċepixxi s-somma massima li tagħtih il-liġi. Dan ġie milqugħ, ukoll wara provi mismugħa, b'digriet datat 7 ta' Novembru, 2019.[33]

**9**.Għalhekk mill-eżerċizzju li għamlet il-Qorti minn dak li rriżultalha mill-atti tal-kumpilazzjoni, jidher ċar li r-rikorrenti avvantaġġa ruħu minn dak provdut fl-artikolu 22A, drabi b'suċċess u oħrajn le.

Naraw fil-fatt li kif sew jgħidu l-intimati l-artikolu 22A tal-Kap 101 jagħtu lill-Qrati kriminali[34] aditi b'rikors fuq talba tal-imputat, il-fakolta' li jippermettu ħlas ta' kreditu li sar in *bona fede,* ukoll li għar-raġuni tajba, jiġi permess trasferiment ta' mobbli jew immobbli li qegħdin fi ħdan l-imputat, ukoll li *f'ċirkostanzi*

[30] Folio 863
[31] Folio 871 datat 21 ta' Ġunju, 2019.
[32] Folio 881
[33] Folio 897
[34] Kemm preseduti minn Maġistrat u Imħallef.

*partikolari* il-Qorti tibdel dik l-Ordni ta' Iffriżar. L-istess artikolu jippermetti li l-imputat bil-permess tal-Qorti jipperċepixxi s-somma ta’ €13,976.24 fis-sena għall-għejxien tiegħu u ta’ familtu.

Insibu wkoll li l-Kap 101 huwa sajjem għal dak li għandha tkun *raġuni tajba* biex jiġi permess it-trasferiment imsemmi, wkoll x’jikkwalifika bħala *ċirkostanzi partikolari* li jippermettu u jikkonvinċi lill-Qorti tibdel dik l-ordni.

**10.Barra minn hekk kif sew irrisponda l-Avukat Ġenerali fl-oġġezzjoni msemmija l-artikolu 22C tal-Kap 101 jipprovdi li persuna misjuba ħatja tista’ tikkontesta Ordni ta' Iffriżar b’rikors quddiem il-Qorti Prim’Awla Ċivili u turi lill-proprjeta’ kkonfiskata, issa b’sentenza. Mhux provenjenti minn profitt, qliegħ jew dħul derivanti minn reat taħt l-Ordinanza, Kap 101.**

Ikkunsidrat:

**11**. Illi jibda' biex jingħad lill-Qorti tagħmel tagħha kull raġunament adottat fid-deċiżjonijiet appena ċitati fit-tul sa fejn jolqot il-ksur ta’ l-Ewwel artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Jiġi sottolineat ukoll illi għalkemm l-attakk hawn huwa dirett lejn dak li jipprovdi l-artikolu 22(9) tal-Kap 101, li jolqot Ordni ta' Iffriżar temporanja, għalhekk mhux l-istess ordni maħruġa a *tempo vergine* kontra l-imputat, anke għax fiż-żmien li tressaq hu l-liġi ma kinitx tagħmel distinzjoni bejn ordni maħruġa mal-ewwel mal-preżentata u dik temporanja, xorta waħda l-bażi ta' l-ilment tiegħu huwa identiku u ċioe' li hu m'għandux mezz kif jista' jikkontesta dik l-ordni u jitlob reviżjoni tagħha lill-Qorti Superjuri.

**12**. Huwa ovvju l-Istat għandu diskrezzjoni kbira biex jilleġisla fil-ġlieda tiegħu kontra l-kriminalità' kemm dik eżerċitata minn individwu jew agħar dik organiżżata. Tali diskrezzjoni wiesgħa trid tkun waħda mfassla taħt qafas legali u ovvju li biex isservi għan leġittimu. Dan hu kontinwament ripetut u miżmum f'kull deċiżjoni hekk milquta. Pero' b'dana kollu jinħtieġ li jinżamm bilanċ ma' dak li huma d-drittijiet propjetarji tal-individwu kontra l-interess ġenerali imsemmi, anke jekk l-imputat hu tali li qed jiffaċċja akkużi gravi.

Dan il-Qorti qegħda tgħidu għaliex, hi qua Maġistrat Istruttur, kienet ta' spiss mitluba u laqgħet talbiet simili, u ma kellhiex għażla mod ieħor[35], għall-impożizzjoni ta' ordni simili fuq kull imputat imressaq taħt il-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta. L-imputat għajr għall-bidliet li l-Qorti kienet permessa tagħmel fiċ-

[35] Il-liġi fl-artikolu 22A tgħid li l-Qorti **għandha** fuq talba tal-prosekuzzjoni tagħmel dik l-ordni.

ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 22A ma kellu ebda sokkors ieħor u jibqa' hekk milqut sal-ġudikat.

**13**. Din il-leġislazzjoni li taf tinħass drakonjana hija fil-fatt neċessarja biex isservi ta' detriment għal min jakkwista bl-illeċitu. Mhux sew li qliegħ riżultat ta' kriminalita' jiġi gawdut. Dan mhux għax hu biss immorali u illegali, imma għax jagħmel dannu enormi lill-ekonomija nostrali u dik internazzjonali li ħafna drabi, iżjed illum formanti parti mill-Unjoni, taf tkun sew milquta. Għalhekk l-iffriżar ta' assi mhux biss jagħmel sens għax isservi ta' deterrent u jtaffi l-ekonomija sewda imma hu intrinsikament neċessarju f'din il-ġlieda kontra l-kriminalita'. Pero', biex jinħoloq bilanċ bejn dan l-interess imsemmi u l-milqut, din il-kawtela fil-kamp kriminali jinħtieġ li tipprovdi mezz ta' reviżjoni u tippermetti lill-imputat li jkun jista' jikkontestaha. Dan mhux biss għax l-imressaq igawdi mid-dritt sagrosant ta' innoċenza, u għajb mod ieħor, imma l-prinċipju ta' smiegħ xieraq jiġbor fih bħala anċillari għalih prinċipju ieħor ta' *equality of arms,* parita' u bilanċ bejn min jallega u min f'ċirkostanzi bħal ma hi din l-ordni jrid jiġġieled l-effett u l-idonjeta' tagħha. Tqis li dan in-nuqqas leġislattiv huwa aktar aċċenwat meta wieħed iqis li l-att kawtelatorju fil-kamp ċivili, fejn il-liberta' personali ta' persuna mhux direttament milquta, hu soġġett għar-reviżjoni permezz ta' rikors ta' revoka ai terminu ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12. **Dan *il-lussu* mhux permess lir-rikorrenti fil-kamp kriminali bir-reġim leġislattiv li jolqot lilu**.

**14.** Aktar hu ta' preokkupazzjoni f'din il-kunsiderazzjoni hu l-fatt kif qalet il-ġurisprudenza nostrali ċitata li lanqas ma hu, u kien sew li tinħareġ *freezing order* għall-proprjeta' kollha tal-imressaq bħalli kieku dan qatt ma qala' sold biss sew, u f'ħafna drabi ftit kienu l-varjazzjonijiet permessi. Dan jingħad ukoll għaliex il-*freezing order* li nħarġet kontra l-imputat Bartolo ma kienet qatt soġġetta għall-eżami u jew reviżjoni ta' kwantifikazzjoni tal-flejjes illeċiti li l-imputat jaf qala' minħabba attivita' kriminali. **Dan seta' u jista' jsir biss darba li tinstab ħtija.**

**15.** Dana kollu, dan in-nuqqas proċedurali, li anke din il-Qorti tqis u tispera li kien *oversight* leġislattiv, jitgħabba b'aktar onus meta il-proċeduri, kif inhu l-każ tar-rikorrenti jtulu għal snin twal u jħallu lilu mressaq taħt dan il-piż arbitrarju ta' Ordni ta' Iffriżar bla ma jista' almenu jipprova jressaq talba għar-revoka tagħha, huma x'inhuma n-natura ta' l-akkużi bihom addebitati.

**16**. Tara li Brian Bartolo ġie mressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fit-**13 ta' Jannar, 2014**. Il-kumpilazzjoni ngħalqet xejn anqas ħlief fis-**27 ta' Diċembru, 2023**.

Ir-rikorrenti kien u baqa' dejjem soġġett għall-Ordni ta' Iffriżar oriġinali.

Tara wkoll li għalkemm fil-bidu l-kumpilazzjoni kontrih imxiet b'ritmu mgħaġġel u tressqu ammont kbir ta' xhieda, pero' aktar tard fis-sena 2014 beda jiġi mitlub

ix-xhud Jose' Ramon Lasarte. Dan minħabba proċeduri pendenti kontrih xehed fis-sena 2016. Xhud ieħor mitlub kien Unai Lacalle Zumeta li wkoll dam biex jittella' jixhed[36]. Aktar tard, issa fl-istess sena, wara żewġ rinviji moħlija beda jintalab jixhed ċertu Jason Grima, dan spiċċa jixhed fis-sena **2023,** fit-23 ta' Mejju, wkoll għax il-proċeduri kriminali kontrih ma kienux konklużi.

Mela għal xejn anqas minn disa' snin, l-imputat Bartolo baqa' soġġett għall-Ordni ta' Iffriżar bla ma seta' qatt jikkontestaha ħlief għall-varjazzjonijiet kif ingħad. Dana kollu jaggrava ruħu meta hu meqjus it-tul tas-snin biex ingħalqet din il-kumpilazzjoni sakemm xhud tal-prosekuzzjoni, seta' wara seba' snin jitla' jixhed.

Dan iwassal il-Qorti, għax hi waħda ta' indolu Kostituzzjonali u Konvenzjonali, li tissenjala li dan it-tul ma jimmilita xejn sew lejn il-massima tant stabbilita u protetta fid-drittijiet fundamentali ta' pajjiż demokratiku ta' *innocent till proven guilty*. Ukoll għaliex dan il-mezz kawtelatorju ntiż għall-garanzija ta' eżekuzzjoni fl-eventwalita' ta' ħtija jispiċċa ta' saram ta' indolu kważi punitiv meta jtul żżejjed.

**17**. Inevitabbilment issaqsi l-Qorti allura x'inhi t-triq li jibqa' lill-bniedem imputat pendenti ġudizzju, jew agħar liberat minn akkużi, li ssubixxa proċeduri

[36] Xehed fis-sena 2015 f'Marzu pero' ġie mitlub fis-sena 2014 almenu 4 rinviji qabel.

għal tul taż-żmien u kien dejjem marbut b'Ordni ta' Iffriżar għall-istess tul, li jsib biss sodisfazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' ksur minn dawn il-Qrati u rebħa pekunjarja? L-istess argument japplika anke għal ħati għax fin infondo s-sekwestru ta' l-assi għandu jolqot biss dawk l-assi provenjenti mill-attivita' kriminali u mhux it-totalita' tal-ġid ta' l-imressaq. Ċertament is-sitwazzjoni li kien rinfaċċat biha r-rikorrenti mhux mod kif jiġu ndukrati sew drittijiet hekk imsejjħa fundamentali. Ridotti għal dikjarazzjoni u somma ta' flus!

**Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib lir-rikorrenti, sa fejn jirrigwarda l-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li għandu raġun fl-ilment tiegħu.**

**<u>18. Ordni ta' Iffriżar ai terminu tal-artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>**

Imma, kif sew ifakkru l-intimati l-Ordni ta' Iffriżar li ntalbet u nħarġet kontra Bartolo ma kienetx waħda limitata biss taħt il-kappa tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ordni ntalbet ukoll ai terminu ta' l-artikolu 23A tal-Kap 9.

Mil-lat ta' ġurisprudenza nsibu kif ġej:

F'**Edward Caruana vs L-Avukat tal-Istat et**.[37] ingħad li:

*"14.B'sentenza datata 3 ta' Marzu 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement ċaħdet ukoll il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti, stante illi dawn kienu konsegwenzjali għall-ewwel tliet talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*Ċ. Liġi applikabbli għall-fattispecie taċ-ċirkostanzi odjerni:*

*Kodici Kriminali: Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta Artikolu 23A(2)*

*"(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħal likieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.*

*Artikolu 23A(5)*

*(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali*

*għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.*

*Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Artikolu 5*

*5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

[37] Rikors numru: 760/2021/1 AJD deċiża 20 ta' Jannar 2025.

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu (a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u (b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra firReġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.*

*(7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih sabiex tagħmel ordni kif mitlub taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' ffriżar li jkollha listess effett ta' ordni magħmula taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.*

*(8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta' ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol middata ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata millQorti Kriminali."*

*D. L-Appell:*

*1. L-attur ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar l-20 ta' Marzu 2023 u talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tħassar il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti safejn din ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti u minflok tiddikjara illi kien hemm leżjoni ta' drittijiet fondamentali tal-esponenti kif aħjar imfissra f'dan ir-rikors ta' appell. Konsegwentement tilqa' t-tieni u t-tielet talba filwaqt illi tillikwida danni materjali u morali minħabba tali ksur.*

*1. L-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu għall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta konġunta datata l-4 ta' April 2023 u filwaqt li affermaw illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata in toto…*

*2. L-appellant seta' u messu kkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem il-Qorti Kriminali b'dana illi l-argument tal-appellant illi d-difiża ma kellhiex viżwal tal-provi li kienet ser ttella' l-Prosekuzzjoni hija rrilevanti. L-intimati jargumentaw illi filwaqt li huwa minnu li l-għan prinċipali ta' ordni ta ffriżar huwa s-sekwestru tal-assi kollha tal-persuna milquta, hemm għan addizzjonali li l-appellant qiegħed jinjora; u ċjoè li ordni ta' ffriżar jassigura l-enfurzar tas-sentenza fl-eventwalità li tinstab ħtija. Iżidu illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li jeżistu diversi garanziji proċedurali li jassiguraw l-proporzjonalità u kienet ukoll korretta meta irriduċiet l-ordni ta' ffriżar*

*għall-ammont ta' €5,000. Illi b'rabta mat-tielet aggravju tal-appellant, l-intimati jaffermaw illi mill-provi mhuwiex minnu li rriżulta illi din l-ordni kellha impatt sproporzjonat fuq l-appellant, tant li lanqas biss għamel użu mir-rimedji disponibbli għalih.*

*L-Ewwel Aggravju:*

*18.Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sostniet illi wara x-xhieda ta' Giovanni Vella, huwa*

*kellu l-possibilità li jitlob ir-revoka tal-Ordni ai termini tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9. Jargumenta illi d-difensuri tal-appellant bl-ebda mod ma setgħu jkunu konxji ta' x'xhieda ser itellgħu l-prosekuzzjoni u lanqas ma kienu jafu jekk kienx ser ikun hemm iktar xhieda li jixhdu fuq l-allegat rikavat. Illi suespost, u fl-eventwalità li din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, l-appellant isostni wkoll illi lanqas ma jista' jingħad illi t-terminu impost fl-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9 huwa terminu suffiċjenti sabiex wieħed jipprepara d-difiża tiegħu.*

*19.B'referenza għal dan l-ewwel aggravju, l-intimati rrimarkaw illi minkejja li l-appellant kellu rimedju sempliċi ħafna, taħt l-Artikolu 23A tal-Kap 9, li jagħti jedd ta' kontestazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali, ir-raġuni jew motivazzjoni wara n-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-ordni da parti tal-appellant qatt ma ġiet spjegata. Illi in kwantu l-argument tal-appellant illi l-perjodu indikat fl-Artikolu 23A(5) huwa qasir wisq,*

*l-intimati jirribattu illi dan l-argument huwa wieħed nebuluż, b'dana illi ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jinġiebu provi estensivi, u li l-atti*

*flimkien max-xhieda traskritta ta' Vella, kienu jkunu suffiċjenti sabiex l-appellant iġib dan l-argument tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali.*

*20.L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward dan il-punt:*

*"54. Finalment, f'dak illi jirrigwarda l-possibilta' illi wieħed jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar fit-termini tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9,*

*din il-Qorti tqis illi din il-proċedura tissodisfa, fi kliem id-Direttiva, "the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order before a court". Is-sentenza mogħtija fl-ismijiet Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et esebita in atti mir-rikorrent, tikkonferma preċiżament illi l-appell mill-ħruġ tal-Ordni ta' Ffriżar fi żmien tlett (3) ijiem mid-digriet illi permezz tiegħu jinħareġ il-ħruġ, huwa rimedju effettiv u jista' jitqies bħala dak illi l-Qorti Ewropea ssejjaħ "procedural safegaurd". Il-Qorti Kostituzzjonali, f'Dalli, tinnota illi fil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta (b'mod simili għall-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta), hemm żewġ tipi ta' Ordni ta' Ffriżar: dak illi jibqa' fis-seħħ sa tmiem il-proċeduri (fit-termini tal-Artikolu 22A(1)), u dak temporanju (fit-termini tal-Artikolu 22A(7)), cioe "Ordni ta' Iffriżar distinti, minkejja li għandhom l-istess effett, u li huma ntiżi sabiex jaqdu għanijiet differenti". Pero, imbagħad, id-dritt t'appell fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tinħareġ l-Ordni fl-Artikolu 22A(9) tal-Kap 101 japplika biss fir-rigward ta' Ordni ta' Ffriżar maħruġ ai termini tal-Artikolu 22A(7), u mhux rigward Ordni*

*ta' Ffriżar maħruġ ai termini tal-Artikolu 22A(1). Il-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat illi fil-każ ta' Ordni ta' Ffriżar maħruġ fit-termini tal-Artikolu 22A(1), "m'hemm l-ebda dritt ta' appell kontra l-Ordni tal-Iffriżar", filwaqt illi fil-każ ta' Ordni maħruġa fit-termini tal-Artikolu 22A(7), "il-prosekuzzjoni għandha dritt tagħmel appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti talMaġistrati li ma toħroġx ai termini tal-Artikolu 22A(1) skont kif provdut l Artikolu 22A(8), u l-akkużat għandu dritt jagħmel appell kontra l-ħruġ talordni ta' iffriżar taħt l-artikolu 22A(7) skont kif provdut fl-Artikolu 22A(9)." F'Dalli, l-Ordni ta' Ffriżar kienet inħarġet fit-termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap 101, u l-Qorti Kostituzzjonali qalet,*

*Din id-Direttiva [cioe d-Direttiva 2014/42/UE] tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affettwata għandu jkollha possibilita' effettiva li tikkontesta dik lordni. Għalhekk l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmija imbagħad fl-istess nifs jgħidu li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu.*

*Kien għalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-ħruġ ta' Ordni ta' Ffriżar fit-termini tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta hija leżiva għad-*

*drittijiet fundamentali tal-bniedem.* ***Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-każ in eżami, fejn l-Artikolu 23A tal-Kap 9 offra lir-rikorrent il-possibilita' illi jikkontesta l-Ordni maħruġa fil-konfront tiegħu, rimedju illi r-rikorrent għażel illi ma jirrikorrix għalih;***

*55.Dakinhar illi nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar, xehed bil-ġurament Giovann Vella, illi, mix-xhieda tiegħu inserita in atti, din il-Qorti tieħu l-impressjoni illi kien wieħed mix-xhieda prinċipali (jekk mhux ix-xhud prinċipali) talProsekuzzjoni fil-proċeduri kriminali miġjuba fil-konfront ta' Edward Caruana.*

*(Omissis)*

*Din il-Qorti hija edotta biss mill-fatti saljenti taċ-ċirkostanzi illi fihom inġabu proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent; iżda minn din ix-xhieda biss tista' tikkonstata illi x-xhieda ta' Giovann Vella kienet xhieda kruċjali għallkaż tal-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant, ġialadarba fl-istess seduta illi nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar, xehed ukoll l-istess Giovann Vella, u mix-xhieda tiegħu rriżulta illi flus m'għaddewx minn idejh għal idejn ir-rikorrent, ir-rikorrent ġia kellu arma f'idu illi a bażi tagħha seta' jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar."*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:*

*1. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi: (i) l-Ewwel Qorti ma messhiex sostniet illi l-appellant kellu rimedju a dispożizzjoni tiegħu permezz tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9; u (ii) illi in ogni caso t-terminu impost huwa wieħed qasir wisq.*

*....*

*23.Illi mill-atti jirriżulta s-segwenti:*

*L-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar il-5 ta' Diċembru 2017.*

*i Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2018, wara li nqrat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali datata 8 ta' Jannar 2018, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuża. L-akkuża kif emendata reġgħet inqrat bil-ġurament, u reġa' sar l-eżami tal-appellant.*

*ii Jirriżulta illi l-prosekuzzjoni ma kinitx eżentata mill-provi ġia mismugħa għar-raġunijiet indikati fil-verbal a fol 350 tal-atti, b'dana*

*illi x-xhieda kellhom jerġgħu jinstemgħu. Illi f'din is-seduta xehed bil-ġurament Giovann Vella, kuntrattur u direttur tal-kumpanija Gozo Developments Company Ltd. F'din l-istess udjenza, l-prosekuzzjoni talbet sekwestru u ffriżar tal-assi tal-imputat. Il-Qorti laqgħet it-talba ai termini tal-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*iii Giovann Vella xehed li l-akkużat kien talbu €30,000 in konnessjoni ma' tender fl-iskola sekondarja tar-Rabat sabiex jgħaddulu l-kontijiet*

*24.Illi permezz tal-Att III tas-sena 2002, ġew introdotti fil-qafas penali domestiku l-Artikolu 23(A)(1) u (2):*

*"(1) "l-Att" tfisser l-Att kontra Money Laundering, Kap 373,*

*"l-Ordinanzi" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 u l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31;*

*"reat rilevanti" tfisser kull delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien iktar minn sena.*

*(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal- Att u l-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att."*

*25.Illi sussegwentement, l-Att VII tas-sena 2010 introduċa tliet (3) sub-artikoli oħra, fosthom is-sub-artikolu 23A(5):*

*1. "(3) Meta l-qorti ma tipproċedix biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (2) il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriż ar li jkollha l-istess effett ta' ordni magħmula taħt l-artikolu 5 tal-Att liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż -żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi subartikolu.*

*2. (4) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (2), l-Avukat Ġ enerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, mid-data tad-*

*deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqs li kieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt l-istess artikolu 5. L-ordni temporanja ta' iffriżar magħmula taħt is-subartikolu (3) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm l-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*3. (5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill- Qorti Kriminali."*

*26.Illi dan l-artikolu kif viġenti fiż-żmien meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa kważi identiku għall-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minkejja somiljanza konsiderevoli, tirriżulta differenza importanti li kienet sottolineata minn din il-Qorti kif -sentenza fl-ismijiet: Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et2, differenza li kienet ukoll senjalata mill-Ewwel Qorti:*

*"Hekk kif jinħareġ ordni ta' iffriżar bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda proċedura disponibbli għall-akkużat biex jikkontesta dak l-ordni.*

*Omissis*

*minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fisseħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni."*
*27.Illi fil-każ in eżami, l-ordni ta' ffriżar ħareg abbażi tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li a differenza tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap 101 (ir-reġim legali applikabbli f'Dalli), jagħti lill-akkużat il-possibilità illi jikkontesta l-ordni maħruġa fil-konfront tiegħu, rimedju illi r-rikorrent għażel illi ma jirrikorrix għalih. Illi din kienet ukoll il-pożizzjoni addottata minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **Yorgen Fenech vs Avukat tal-Istat** et, fejn ikkonfermat il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti. Illi għalhekk jirriżulta pależement illi fiċ-ċirkostanzi*

*partikolari tal-każ odjern, rimedju jeżisti u kien l-appellant li naqas milli jirrikorri għal dan ir-rimedju.*

*28.Fir-rigward it-terminu stipulat fl-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9, din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet: Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat kienet diġà affermat illi t-terminu tat-tlett ijiem effettivament huwa wieħed qasir* ***madankollu ma kien hemm xejn li jżomm lil Fenech milli jagħmel tali talba. L-appellant argumenta illi dan iż-żmien tant qasir, mhuwiex suffiċjenti sabiex persuna tipprepara d-difiża tagħha, u li wkoll sa dak l-istadju, id-difensuri tiegħu, ma setax ikollhom viżjoni ċara tal-provi li l-prosekuzzjoni kienet ser tipproduċi.***

*29.Din il-Qorti għalkemm hi tal-istess fehma, illi t-terminu impost effettivament huwa wieħed qasir, madankollu l-argumenti tal-appellant f'dan ir-rigward huma għal kollox ġeneriċi u għal kwantu superfiċjali.* ***Il-Qorti tagħraf illi fir-realtà ma kien hemm xejn li jżomm lill-appellant milli jirrikori għal dan ir-rimedju u jittenta jikkontesta l-ordni quddiem il-Qorti Kriminali meta x-xhud Vella li ta lok għat-talba u otteniment ta' ordni ta' iffriżar qal li hu qatt ma ta xejn lir-rikorrent għalkemm talbu €30,000.*** *Illi però ex post facto u minkejja l-fatt illi huwa naqas milli jirrikori għal dan ir-rimedju, l-appellant ilmenta illi tali rimedju ma kienx wieħed effettiv.* ***Fil-fehma ta' din il-Qorti kontestazzjoni fuq l-effettività o meno ta' dan ir-rimedju tispetta biss lil minn jirrikorri għal tali rimedju, u mhux għal min irrifjuta li jagħmel użu mill-istess****. L-argumenti miġjuba mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, u dawk esposti fl-appell, setgħu faċilment nġabu quddiem il-Qorti Kriminali. B'żieda jingħad li x-xhieda tal-Ispettur Stivala, għalkemm fit-tmien tal-provi tal-prosekuzzjoni, kull ma għamlet hu li kkonfermat ix-xhieda ta' Giovann Vella li ma għaddewx flus bejn ir-rikorrent u dan Vella. Għalhekk in-nuqqas li jirrikorri għal proċedura yta' appell minn digriet tal-Qorti tal-Iffrizar wara x-xhieda ta' Giovann Vella titfa' nuqqas serju fuq ir-rikorrenti li ma uzax ir-rimedju li setgħu kellhom prattika u espedita.*

*30. illi għalhekk u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula ma tqisx dan il-fattur waħdu, ossia t-terminu qasir għall-kontestazzjoni tal-ordni quddiem il-Qorti Kriminali, jista' jissarraf f'lezjoni.".*

Ikkunsidrat:

**19**.Dak li tislet il-Qorti minn din is-sentenza u oħrajn fuq l-istess linja, li a prexindere mit-tul taż-żmien li l-liġi tagħti lill-imputat biex irressaq talba għar-revoka ta' l-Ordni ta' Iffriżar lill-Qorti Kriminali, punt ovvjament mhux sollevat mir-rikorrenti f'din l-istanza, illi ma ġietx mogħtija spjegazzjoni għala ma sarx rikors ai terminu ta' l-artikolu 23A. Jekk ir-rikorrenti kien daqshekk milqut bl-Ordni ta' Iffriżar seta' almenu jagħmel dan l-attentat anke jekk ma kienx ikollu suċċess. Imma r-rimedju kien hemm, ***in hand***, u injorah. Issa donnu qam u nduna li sofra sproporzjon li għalkemm konċess taħt kappa ta' liġi waħda, seta' jiġi kkunsidrat jekk mhux ukoll forsi rimedjat minn lat ieħor.

Dan ma sarx. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan għandu jinċiedi fuq dik li huma t-talbiet sussegwenti tar-rikorrenti.

**20.** Fid-deċiżjonijiet ċitati *supra* - **Dalli u Caruana** il-Qrati għaddew biex għar-raġunijiet hemm spjegati jirrevokaw jew jirriduċu l-Ordni ta' Iffriżar dejjem minħabba l-fatt li r-rikorrenti ma kellux proċedura leġislattiva maħsuba kif jitlob ir-revoka ta' l-istess Ordni, (dan kombinat ukoll ma' fatturi oħra bħad-dewmien). Pero' jibqa' perplessanti għall-Qorti kif ir-rikorrenti jressaq dan l-ilment, u anke jekk mil-lat diskuss jingħata raġun, pero' ma jispjegax għaliex huwa qagħad

passiv dawn is-snin kollha u m'użax għodda li kienet tipprovdi dik il-proporzjonalita' minnu lmentata.

Fil-fehma tal-Qorti dan għandu jimpinġi fuq ir-rimedji mitluba.

Konsegwentement tqis li t-talbiet kollha sussegwenti għall-ewwel talba għandhom jiġu miċħuda u li d-dikjarazzjoni waħedha fl-ewwel talba kif milqugħa sservi ta' rimedju biżżejjed.  Xejn ma jżomm lil Brian Godfrey Bartolo milli jipproċedi kif permess lilu bil-liġi.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. Tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati kif ingħad;**

**2. Tilqa' l-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Avukat ta' l-Istat u l-Avukat Ġenerali biss sa fejn kompatibbli ma' dak deċiż fil-konfront ta' l-artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi Brian Godfrey Bartolo sofra u/jew qiegħed isofri leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**4. Għar-raġunijiet esposti tiċħad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti.**

**Kull parti għandha ġġorr l-ispejjeż minnha nkorsi.**

**Onor Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Dep. Reġ**
**Rita Falzon**